**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 27 ta` April 2017**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 1245/08 JZM**

**Pietro Blasina (ID 0024933A) f`ismu proprju kif ukoll bhala rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta` estera monegaska SCI Tower 98 (No. 98 SC9067) ;**

***u***

**b`digriet tal-24 ta` Ottubru 2013 l-atti tal-kawza f`isem l-attur Pietro Blasina gew trasfuzi f`isem Sara Blasina (K.I. Taljana AK 0743427) u Mirta Blasina (K.I. Taljana AK 7838274), stante l-mewt tieghu ;**

***u***

**b`digriet tal-24 ta` Jannar 2017 Sara Blasina fil-kwalita` taghha ta` mandatarja specjali tas-socjeta` estera SCI Tower 98 (No. 98 SC9067) assumiet l-atti tal-kawza safejn jikkoncernaw is-socjeta` estera rapprezentata, minflok Pietro Blasina bhala rapprezentant gudizzjarju**

***kontra***

**Luisa Pedroni Blasina (ID 0039090A)**

***u***

**Tokk Limited (C-41561)**

**Il-Qorti :**

**I.** **Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-15 ta` Dicembru 2008 li jaqra hekk :–

*1. ILLI l-esponent Pietro Blasina huwa l-beneficjarju tas-socjeta` attrici SCI Tower 98, mentri l-konvenuti huma martu u socjeta` li taghha hija beneficjarja l-istess martu; il-partijiet konjugi Blasina zzegwu f`Monaco u z-zwieg taghhom huwa regolat mir-regim tas-separazzjoni tal-beni ai termini tal-ligi monegaska;*

*2. ILLI r-rikorrenti kellhom jigbru u jircievu mill-Italja u/jew minghand terzi diversi somom ta` flus; l-attur Blasina huwa ragel anzjan ta` 79 sena u kien ghal xi zmien ma jiflahx in konsegwenza ta` operazzjoni kirurgika li kkomplikat ruhha; ghal dawn ir-ragunijiet, il-konvenuta Pedroni Blasina ilha dawn l-ahhar snin li hadet f`idejha l-finanzi ta` zewgha u tas-socjeta` rikorrenti, irceviet diversi flejjes destinati ghalih u ghas-socjeta` tieghu u nvestiet diversi flejjes appartenenti lilhom;*

*3. ILLI apparti minn hekk, ir-rikorrent silef lil martu diversi flejjes sabiex hija tirranga u tbiegh proprjeta` parafernali taghha;*

*4. ILLI recentement, ir-rikorrent talab rendikont tad-diversi flejjes lilu appartenenti u gestiti minn martu, izda martu ppreferiet tabbanduna d-dar konjugali milli taghti tali rendikont;*

*5. ILLI r-rikorrent jaf illi l-konvenuta Pedroni Blasina qed izzomm illegalment flejjes appartenenti lilu u lis-socjeta` kif ukoll investiet parti sostanzjali minn dawn il-flejjes fis-socjeta` konvenuta Tokk Limited ;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :*

*i. Tiddikjara li l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina ghandha fil-pussess taghha diversi somom ta` flus appartenenti lil zewgha Pietro Blasina*

*u lis-socjeta` tiegħu SCI Tower 98, u li hija nvestiet parti minn tali flejjes fis-socjeta` Tokk Limited ;*

*ii. Tillikwida l-ammont ta` flus dovut mill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina u/jew mis-socjeta` Tokk Limited lir-rikorrenti jew lil min minnhom ; u*

*iii. Tordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti dawk l-ammonti ta` flus li jigu dikjarati dovuti ai termini tal-ewwel u tat-tieni talbiet.*

*Bl-imgħax u bl-ispejjez legali, inkluzi l-ispejjez legali relattivi għall-mandat ta` sekwestru numru 1665/2008, bir-rizerva ta` kull azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-ingunzjoni minn issa tal-konvenuta u tar-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjeta` konvenuta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata ta` Luisa Pedroni Blasina li kienet prezentata fis-6 ta` April 2009 li taqra hekk :–

*(1) Illi d-domandi attrici fil-konfront tagħha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-eccipjenti ma approprijat għaliha nnifisha l-ebda ammonti appartenenti għall-komunjoni tal-akkwisti kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*(2) Illi fid-dawl tal-premess, m`hemm l-ebda raguni legali għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha tgħaddi biex tiddikjara dak miktub fl-ewwel talba tar-rikors guramentat tal-attur kif l-anqas m`hemm lok li tillikwida xi ammonti l-eccipjenti għandha tħallas lill-attur u inqas u inqas m`għandu jkun hemm ordni għal xi ħlas.*

*(3) Fl-aħħarnett għandu jingħad illi l-attur huwa bniedem ta` tmenin sena, marid serjament bid-diabete, bi pressjoni, b`qalbu u jbagħti b`senile dementia avvanzata sabiex dak illi allega bil-gurament tiegħu fir-rikors promotur ma jistax jitqies bħala veritier anke minħabba l-istess kundizzjoni konfuza tiegħu kif jigi wkoll dettaljatament spjegat anke permezz ta` tobba kuranti tiegħu.*

*(4) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata ta` Tokk Limited [C-41561] li kienet prezentata fit-13 ta` April 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, ma hemmx relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata ;*

*2. Illi dejjem in linea preliminari, ir-rikorrent Pietro Blasina jrid igib il-prova illi huwa l-beneficjarju tas-socjeta` rikorrenti Sci Tower 98. F`dan ir-rigward dak allegat fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tal-atturi huwa kontestat ;*

*3. Illi fil-meritu, id-domandi attrici fil-konfront tas-socjeta` intimata huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi kwalunkwe fondi illi dahlu fis-socjeta` intimata huma jew proprjeta` tal-intimata l-ohra Luisa Blasina jew ta` ommha li ttrasferiet tali fondi fil-kont tas-socjeta` intimata kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*4. Illi fid-dawl tal-premess, m`hemm assolutament l-ebda raguni legali ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tiddikjara dak mitlub fl-ewwel talba tar-rikors guramentat tal-atturi kif l-anqas ma hemm lok li tillikwida xi ammonti illi allegatament is-socjeta` intimata ghandha thallas lill-atturi u inqas u inqas m`ghandu jkun hemm ordni ghal xi hlas f`dan is-sens;*

*5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b`rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta` April 2009 fejn hatret lill-Av. Dr. Marco Ciliberti bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, u jaghmel dawk l-osservazzjonijiet li ghandhom x`jaqsmu mal-kaz.

Rat il-provi li gabar il-perit legali.

Rat ir-relazzjoni peritali.

Rat id-domandi li saru bil-miktub mill-partijiet ghall-eskussjoni tal-perit legali.

Semghet ix-xiehda viva voce tal-perit legali in eskussjoni fl-udjenzi tal-5 ta` Novembru 2015 u tal-21 ta` Jannar 2016.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2016.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

### 1. Xiehda

**L-attur Pietro Blasina** pprezenta affidavit.

Huwa stqarr illi din il-kawza tittratta dwar (i) is-somma ta` EUR 350,000 rapprezentanti prezz tal-bejgh ta` appartament 116, Via Leonardo da Vinci, Sesto San Giovanni, Italja ; (ii) ir-rikavat tal-bejgh ta` 1,500–il sehem fil-Banca Popolare di Trieste li kellhom valur nominali ta` 10,000 Liri Taljani kull sehem ; (iii) is-somma ta` EUR 41,316 li kienu investiti fir-ristrutturar tal-fond 236, Via Boccaccio, Sesto San Giovanni, Italja ; u (iv) ir-rikavat tal-bejgh ta` *shares, shareholder loans, technologies & services* relatati ma` Blaschem (Malta) Ltd lil Crystal Pharma SA fl-ammont ta` madwar EUR 735,000.

Dwar il-fond 116, Strada San Leonardo da Vinci, Sesto San Giovanni, xehed illi huwa xtara l-fond fl-190 fl-isem il-konvenuta li tigi t-tieni mara tieghu sabiex isservi bhala d-dar tar-residenza taghhom. Ghamel hekk peress li meta akkwista kienu ghadhom pendenti l-proceduri fil-qrati Taljani dwar id-divorzju tieghu mill-ewwel mara tieghu kif ukoll il-manteniment taghha. Il-konvenuta dehret bhala l-fiducjarja tieghu. Il-fond kien appartament lussuz li kien akkwistat ghal 192,000,000 Liri Taljani. Il-prezz thallas permezz ta` tliet *bank drafts.*

Kompla jixhed illi fl-2003, kien deciz illi jixtru proprjeta` Malta u kien deciz illi jbieghu l-appartament ta` Sesto San Giovanni. Huwa halla kollox f`idejn il-konvenuta li nfurmatu li kienet sabet il-bejgh tal-fond ghall-prezz ta` EUR 350,000. Huwa approva l-bejgh ghal dak il-prezz u ghalhekk il-konvenuta marret l-Italja fejn iffirmat il-kuntratt ta` bejgh u rceviet il-flus. Il-konvenuta qaltlu li l-flus kienu depozitati Milan u li kienu ghad-disposizzjoni tieghu. Meta r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta spiccat, huwa talabha l-flus lura. Il-konvenuta qaltlu biex jipprova li l-appartament kien tieghu. Huwa sab illi l-prezz dikjarat tal-kuntratt kien ta` EUR 173,000 li fuqhom thallsu taxxi ta` EUR 7,500.

Dwar l-ishma fil-Banca Popolare di Trieste, xehed illi fl-2003 jew fl-2004, hu u l-konvenuta ddeciedew li jbieghu xi ishma li kellu fil-Banca Popolare di Trieste. Fl-1993, huwa kien xtara 1,500–il sehem. Kull sehem kellu valur nominali ta` 10,000 Liri Taljani. Fl-1999 huwa kien ghamel prokura favur il-konvenuta.

Dwar is-somma ta` EUR 41,316 relatata mal-fond 236, Via Boccaccio, Sesto San Giovanni, xehed illi l-konvenuta kienet wirtet *semi-basement* li kienet iddecidiet li tbiegh. Il-fond kellu bzonn ta` *refurbishment.* Huwa ffinanzja x-xogholijiet li saru matul l-2005/6. Hareg is-somma ta` EUR 41,316. Dawn intbaghtu minn Malta lejn kont bankarju fl-Italja f`isem il-konvenuta. Dik il-propjeta` nbieghet fl-2006 jew l-2007. Huwa kien bl-impressjoni illi l-konvenuta kienet irrifondiet il-flus billi qeghdithom go kont kongunt taghhom. Fil-fatt izda huwa qatt ma rcieva rendikont.

Dwar il-bejgh ta` *shares & shareholder Loans, technologies & services* lil Crystal Pharma SA, fisser illi wara l-2005 sa ftit taz-zmien qabel ghamel il-kawza, huwa kien jircievi pagament minghand Crystal Pharma SA f`ismu u f`isem il-kumpannija attrici, li hija tieghu, hija registrata Monaco u fejn il-konvenuta ghandha sehem wiehed. Huwa kien ta prokura lill-konvenuta sabiex tidher ghall-kumpannija attrici. Qal illi SCI Tower 98 u hu kienu proprjetarji ta` Blaschem (Malta) Ltd li hija kumpannija farmacewtika bl-

ishma maqsuma abbazi ta` 95% : 5%. Hu u l-konvenuta kienu ttrattaw il-bejgh ta` Blaschem (Malta) Ltd lil Crystal Pharma SA ghall-prezz ta` EUR 800,000 inkluzi s-*shareholder loans*. Inoltre kien hemm ftehim separat fejn sar il-bejgh ta` teknologiji u provvista ta` certa servizzi ghall-prezz totali ta` EUR 400,000. Minn din is-somma, huma thallsu EUR 240,000 billi ma lahqux jikkonsenjaw parti mit-teknologiji fiz-zmien patwit.

Kompla jixhed illi huwa dejjem kien taht l-impressjoni li l-konvenuta kienet qeghda tircievi il-pagamenti go kont kongunt taghhom, izda fi zminijiet ricenti sab li kollox kien ghaddej tramite kontijiet personali taghha. L-ahhar pagament ta` EUR 117,374 sar fit-28 ta` April 2008. Mis-somma globali ta` EUR 1,400,000, kellhom jitnaqqsu EUR 305,000 dovuti lil kredituri terzi, filwaqt li jaf li hemm spejjez ohra. Il-konvenuta hadet il-bicca l-kbira tad-dokumenti maghha u ghalhekk huwa ried jara l-*accounts* biex ikun jista` jistabilixxi kemm kellu jiehu bil-preciz.

Qal illi fl-2006, huwa kien ghamel operazzjoni li minhabba fiha garrab dizorjentament mentali ghal sitt xhur. Il-konvenuta approfittat ruhha mill-kondizzjoni tieghu, u poggiet il-flus kollha tieghu taht il-kontroll taghha. Meta ghaddielu u staqsieha fejn marru l-beni tieghu, ir-risposta tal-konvenuta kienet illi qabdet u telqet mid-dar.

Stqarr illi huwa jaf illi parti mill-bilanc kien investit go *nominee company* taghhom.

Spjega illi qabel ma bdew il-proceduri ta` separazzjoni, il-konvenuta kienet infurmatu li wara l-bejgh ta` Blaschem, kellhom madwar EUR 500,000 fil-kont kongunt taghhom. Wara li bdiet il-kawza ta` separazzjoni, il-konvenuta bdiet tichad dan, u bdiet issostni li kienu nefqu kollox hlief ghal EUR 50,000. Insista li dan ma kienx possibbli. Jaf illi hija investit fondi fin-*nominee company* bl-isem ta` Tokk Limited u cioe` l-kumpannija konvenuta. Il-konvenuta qalet illi l-fondi kienu taghha. Tallega illi hi wahehda kellha aktar flus milli kellhom huma flimkien, meta l-bicca l-kbira tal-assi kienu proprjeta` tieghu biss.

Sahaq illi huwa kien industrijalista waqt li l-konvenuta kienet impjegata semplici. Il-konvenuta approfittat ruhha mill-fiducja li qieghed fiha.

**Il-konvenuta <u>Luisa Pedroni</u>** pprezentat affidavit.

Xehdet illi hija zzewwget lill-attur fl-1994 civilment go Monte Carlo. It-tnejn kienu divorzjati. Ftehmu illi z-zwieg taghhom kellu jkun regolat bis-separazzjoni ta` l-assi u mhux bil-komunjoni ta` l-akkwisti.

Qalet illi r-relazzjoni ta` bejniethom kienet bdiet fl-1987.

Stqarret illi hi u l-attur bdew jghixu flimkien fil-harifa tal-1989. Kien iz-zmien meta talbet id-divorzju minn zewgha. Bejn 1989 u 1993/1994, kienu jghixu f`appartament li kien inkera go Monza. Il-kera kienet tithallas mill-kumpannija taghha bl-isem LPB srl. Hija ghalqet l-kumpannija wara 19-il xahar.

Xehdet illi meta xtrat l-appartament ta` Sesto San Giovanni, LPB srl kienet qed topera u kellha xi flejjes imfaddla. Il-kumpannija kienet qed tipproduci *income* tajjeb.

Qalet illi matul dawk is-snin hija ghenet finanzjarjament lill-attur, lill-ex mara tieghu, u liz-zewg uliedu, peress illi l-attur kellu problemi finanzjarji. Kien irnexxielha ssib cheques u trasferimenti tal-bank li kienet ghamlet ghall-manteniment ta` martu, spejjez tal-kondominju fejn martu kellha proprjeta`, u hlas ta` taxxa fuq proprjeta` li l-attur kellu jaghti lill-Gvern.

B`riferenza ghal Dok PB5, stqarret illi mhux minnu illi hija xtrat l-appartament ta` Sesto San Giovanni ghan-nom ta` l-attur. Hija qatt ma ffirmat dak id-dokument. Hija cahdet li l-attur ikkontribwixxa ghall-akkwist ta` dan l-appartament. Il-fond kien akkwistat bi flus li kienu mfaddla mill-wirt ta` missierha ; il-flus kienu depozitati fl-Isvizzera.

Stqarret illi fl-1990 hija akkwistat dik il-proprjeta` f`isimha propju hekk kif jidher fil-kuntratt Dok PB3. Fl-2003 hija bieghet l-appartament, u dik is-sena stess, investiet il-flus taghha fl-Italja ; dawn il-flus kien il-prezz tal-bejgh tal-appartament u flus li kien fadlilha mill-wirt ta` missierha. Minhabba l-instabbilita` finanzjarja ta` l-attur, hija uzat ftit minn dawk il-flus li nvestiet sabiex tghix, sabiex tixtri grappa lil zewgha mill-Italja, sabiex thallas is-self lil Blaschem li kienu suppliers Taljani, kif ukoll sabiex thallas id-drittijiet tal-avukati Taljani fil-kwistjoni li l-attur kellu mal-ewwel mara. Dan kollu sar bejn l-2003 u l-2008.

Xehdet li ffirmaw il-kuntratt ta` l-bejgh tal-kumpannija Blaschem f`Dicembru 2005 u rcivew il-flus matul is-sena ta` wara permezz ta` hlasijiet kull xahar. Dok LB9 huma biss ftit pagamenti li saru mill-kont taghha fl-Italja peress li halliet dokumenti fid-dar ta` ommha. Jista` jkun illi kien hemm aktar dokumenti fid-dar taz-zwieg li kellhom Marsaxlokk fejn kienet mizmuma milli tidhol.

Fissret illi hija dejjem hadmet ma` Blaschem mill-1997. Fil-bidu kienet tixtri l-materjal u l-prodotti necessarji ghall-fabbrika. Aktar tard hadmet hemm bhala *accountant*. U wara saret direttur. Fl-2005, meta ffirmaw il-kuntratt ta` bejgh tal-kumpannija, l-attur taha prokura sabiex hija tkun tista` anke tircievi l-fondi minghand Crystal Pharma. Il-prokura saret fis-16 ta` Lulju 2005, ossija hames xhur qabel il-bejgh.

Kompliet tghid li hija fethet kont mal-Bank of Valletta bin-nru 4001464628-7 fl-2005 fejn irceviet parti mill-fondi tal-bejgh ta` Blaschem, bil-kunsens tal-attur, li kien taha dik il-prokura. Ircevew l-ewwel pagament ta` EUR 300,000 fuq il-konvenju datat 13 ta` Ottubru 2005, peress illi huma riedu jhallsu lil Bruno Romano li kellu 49% tal-ishma ta` Blaschem. Romano thallas EUR 200,000. Meta nbieghet Blaschem, il-proprjeta` kienet taghha u tal-attur. Meta bdiet tircievi l-pagamenti kull xahar, hija ghaddiet biex thallas lill-kredituri taghhom, kif ukoll diversi spejjez li kienu jinkludu l-akkwist tad-dar matrimonjali.

Xehdet illi hi u zewgha ftehmu li jiffurmaw il-kumpannija Xini Holdings Limited (C38234) sabiex biha jakkwistaw id-dar taz-zwieg. Sar hekk ghaliex l-attur kien qed ikollu problemi ma` uliedu billi ma ridhomx ikunu jafu li huwa ghandu proprjeta` immobbli. Wara li hadu parir legali, tramite il-kumpannija N Trust Limited iffurmaw Xini Holdings Limited. Hija kienet l-unika direttur ta` N Trust Limited. Ghall-bidu hi u l-attur lanqas kienu jidhru bhala azzjonisti ta` Xini Holdings Limited ; fil-fatt N Trust Limited dehret f`isimhom. Wara kollox beda jidher f`isimhom it-tnejn.

Stqarret illi mir-rikavat tal-bejgh ta` Blaschem, huma kienu utilizzaw xi flejjes sabiex jakkwistaw id-dar, jibnu zewg sulari u jaghmlu *refurbishment* ta` l-istess dar. Nefqu EUR 300,000 biex xtraw id-dar, u EUR 150,000 biex bnew u ghamlu *refurbishment*.

Spjegat li l-ispejjez konnessi ma` Xini Holdings Limited gew imhallsa minn flejjes li l-attur u hi kienu qed isellfu lill-kumpannija mill-flejjes li rcevew mill-bjegh ta` teknologiji u servizzi lil Crystal Pharma. N Trust Limited kienet internament nizzlet dan is-self fuq bazi ta` 50 -50.

Kompliet tixhed illi peress illi s-sahha tal-attur kienet sejra lura, matul l-2006 kienu nkorsi hafna spejjez relatati mas-sahha tieghu, apparti l-ispejjez ta` kuljum. L-ispejjez kienu jithallsu mill-ammonti li kienu jaslu mill-bejgh ta` Blaschem. Fl-2006 u l-2007 hija bieghet zewgt djar li kienu taghha u ta` ommha ghall-prezz ta` EUR 38,000 u EUR 142,000. Ir-rikavat tal-bejgh kien depozitati fil-kont nru 4001464628-7, ossija fl-istess kont fejn kienu tpoggew il-flejjes relatati mal-bejgh ta` Blaschem. Sahqet illi bejnha u bejn zewgha qatt ma kien hemm kwistjonijiet fis-sens x`inhu taghha, x`inhu tieghu u x`inhu taghhom. Ghaliha dak li kien taghhom kellu jinqasam mal-attur, u kien ghalhekk li wzat l-istess kont bankarju.

Spjegat li fl-2008, zewgha ddecieda li l-flus kollha taghhom kellhom jigu amministrati minn uliedu. Hadet xokk bid-decizjoni li ha ghaliex kien taf illi l-attur qatt ma kellu xi relazzjoni tajba hafna ma` uliedu. Min-naha taghha, hija rrifjutat li thallihom jamministraw il-flus personali taghha iktar u iktar meta nofs il-flus kienu proprjeta` ta` ommha. Kellmet lill-Av. Antoine Naudi u saret il-kumpannija konvenuta. Illum hija l-unika azzjonista. Ittrasferiet fil-kumpannija l-investimenti li ghamlet bil-flus personali taghha ossija l-flejjes mill-bejgh tad-djar taghha ta` Sesto San Giovanni.

Kompliet tixhed illi Xini Holdings Limited akkwistat id-dar matrimonjali taghhom Shalom, 28 Triq il-Gifen, Marsaxlokk. L-attur qatt ma ried li jkun kostrett ihalli xi haga lil uliedu in vista tal-ligi tal-legittima. Il-kumpannija qatt ma operat u kienet tinzamm hajja biex jithallsu l-mizati.

Stqarret illi meta l-qaghda ta` sahha tal-attur bdiet tmur lura sew, beda jakkuzaha illi hija kienet qed tavvelenah u kien anke wasal biex heddidha quddiem l-Av. Naudi. Hija dejjem hadet hsieb zewgha. Wara li giet lura Malta wara btala qasira barra, sabet l-kamra taghha msakkra u hafna oggetti taghha nieqsa. L-attur qalilha biex titlaq `il barra. Ma kellhiex alternattiva hlief li titlaq mid-dar u marret tghix ma` hbieb ; ghamlet rapport mal-pulizija sabiex tkun tista` tidhol go kamritha u tiehu l-oggetti taghha u ta` ommha. Baqghet ma tistax tuza d-dar taghha u spiccat kellha tikri post sakemm imbaghad wara li mietet ommha, hija xtrat dar taghha. Sostniet li zewgha ghamel kawza kontra taghha fejn allega li hija serqitlu l-flus tieghu u ghamel mandat ta` sekwestru kontra taghha ghas-somma ta` EUR 250,000. Kienu ffrizati EUR 175,000 mill-kont taghha.

Qalet illi effett tal-mandat diversi investimenti f`isimha gew iffrizati. Tilfet diversi ammonti ta` flus bejn minimu ta` EUR 17,500 u massimu ta` EUR 26,250 fis-sena. Bejn Novembru 2008 u Gunju 2010 nefqet EUR 10,000 ghall-kera ta` flat fil-Qawra. Kellha tixtri l-hwejjeg ghax zewgha baqa` jzomm l-oggetti personali taghha. Kellha tonfoq madwar EUR 20,000 fl-

akkwist ta` oggetti personali taghha, kif ukoll fl-akkwist ta` ghamar u *appliances* fl-ammont ta` EUR 15,000.

Stqarret illi hija xtrat maisonette f`Novembru 2009 ghas-somma ta` EUR 107,000. Kellha thallas EUR 50,000 biex irrendiet din il-fond abitabbli.

Qalet illi l-attur ghamel dak li ghamel kontra taghha fuq istigazzjoni ta` wliedu.

**Av. Dr. Antoine Naudi** xehed illi N Trust Limited hija *sole director* ta` Xini Holdings Limited. Din il-kumpannija giet ffurmata b`kopertura fiducjarja ghal zewg azzjonisti li huma l-attur u l-konvenuta b`50% tal-ishma kull wiehed. Ir-raguni ghall-*fiduciary cover* kienet peress li l-partijiet riedu jipprotegu l-patrimonju lokali taghhom minn pretensjonijiet ta` membri familjari taghhom. Fir-rigward ta` Pietro Blasina, dan kien sar minhabba z-zewg uliedu, filwaqt illi fil-kaz ta` Luisa Blasina sar hekk sabiex binha ma jkunx jaf li kellha assi f`Malta.

Xehed li l-ispejjez ta` Xini Holdings Limiteda kienu maqsuma 50-50 b` dana li meta N Trust Limited kienet tircievi flus minghand il-*beneficial owners*, kienu jitnizzla bhala *shareholders loan* tal-kumpannija fuq bazi ta` 50-50. Tokk Limited kienet iffurmata bhala kumpannija ta` Luisa Pedroni Blasina li wkoll kienet koperta minn N Trust Limited. Din kienet *holding company* li kienet xtrat xi *stocks* mill-Borza ta` Malta bi flus parafernali ta` Luisa Blasina provenjenti minn bejgh ta` proprjeta` ta` ommha fl-Italja. Luisa Blasina llum tidher f`isimha proprju fir-rigward ta` Tokk Limited mhux aktar N Trust Limited.

Stqarr li madwar erba` jew hames snin ilu, kien hemm skambju ta` tnejn jew tlett emails ma` l-avukat tal-kumpannija SCI Tower 98. Huwa kien gie mitlub biex jikkomunika ma` dan l-avukat fuq struzzjonijiet tal-partijiet. Il-kumpannija kienet registrata Monaco u kienet tappartjeni lill-attur, lill-konvenuta jew lit-tnejn. Huwa spjega li ma jafx jekk kienx hemm fondi appartenenti lil SCI Tower 98 li gew depozitati f`Xini Holdings Limited jew f`Tokk Limited peress li l-partijiet kienu jigu bil-flus personalment.

Fil-**kontroezami,** xehed illi Xini Holdings Limited giet iffurmata minhabba li t-tfal ta` Pietro Blasina kienu qed jigru wara flusu tant li saru proceduri legali fl-Italja. Sar jaf b`dan ghaliex qallu l-attur. Sar jaf ukoll illi l-atur u wliedu ma kinux jitkellmu. Huwa qatt ma ra lil ulied l-attur hlief

meta r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxjat. Huwa kien ilu jaf lill-partijiet ghal bejn erba` jew sitt snin qabel ma r-relazzjoni taghhom spiccat hazin. Kienu jghixu Malta qabel sar jafhom hu.

Kompla jixhed illi kienu saru xi proceduri minn Bruno Romano li kien assistit mill-Av. Gianfranco Gauci, liema proceduri kienu gew istitwiti kontra Blaschem Limited u kontra l-attur personalment. Spjega li Blaschem kienet dak iz-zmien proprjeta` ta` l-partijiet. Sar mandat ta` sekwestru kontra l-konjugi Blasina. In segwitu ntlahaq ftehim bejniethom fejn kien thallas ammont sostanzjali Bruno Romano. Il-kumpannija kienet bidlet isimha ghal Crystal Pharma Limited, imma dawn il-bidliet saru meta l-konjugi Blasina ma kinux ghadhom involuti fil-kumpannija. Huwa kien agixxa fl-isem tal-konjugi Blasina f`din il-kwistjoni. Il-konjugi Blasina kienu jqisu lil Bruno Romano bhala persona frawdolenti. Spjega li l-konvenuta kienet tipprova tikkalma lill-attur milli jagixxi b` mod aktar aggressiv legalment.

Ipprezenta estratt mill-website ta` l-MFSA dwar l-involviment tieghu u ta` N Trust Limited fir-rigward ta` Tokk Holdings Limited u ta` Xini Holdings Limited. N Trust Limited kellha sehem wiehed f`Tokk Holdings Limited waqt li f`Xini Holdings Limited, N Trust Limited ghandha 250 *ordinary shares* u hija *sole director* mentri huwa jidher fil-kapacita tieghu personali bhala *company secretary* ta` Xini Holdings Limited kif ukoll huwa r-rapprezentant legali u gudizzjarju taghha.

Spjega li meta l-konjugi Blasina zzewwgu Monaco, huma kienu ghazlu r-*regime* tas-separazzjoni ta` l-assi. Blaschem kienet proprjeta` ta` SCI Tower 98 (49%), Bruno Romano (49%) u Pietro Blasina (2%). Fl-2001, Bruno Romano ipprezenta mandat ta` sekwestru u mandat ta` inibizzjoni kontra Pietro Blasina, Luisa Blasina, SCI Tower 98, SCI Ventisei, SCI Venticinque, SCI Timon u Ellepibi srl ghall-ammont ta` EUR 145,000. Minhabba dan, Blaschem Malta ma setghetx topera. Huwa qal li ma kienx involut fil-litigazzjoni. F`Lulju 2003, il-Qorti ordnat lil Bruno Romano biex jaghti garanzija ta` Lm 40,000 biex jaghmel tajjeb ghad-danni illi Blaschem sofriet jew inkella jipprezenta kontro-mandat. Fil-fatt Bruno Romano pprezenta kontro-mandat izda d-dannu ghall-kumpannija kien lahaq sar.

Xehed li in segwitu kien prezentat mandat ta` sekwestru iehor minn Romano ghas-somma ta` Lm 23,075 izda f`dan il-kaz, l-attur kien ipprezenta garanzija u l-mandat kien irtirat. Blaschem kienet imbaghad ghamlet kawza kontra Romano ghad-danni sofferti. Kienu ghaddejjin xi trattativi biex Blaschem tinbiegh tant li Romano kien accetta li jithallas Lm 80,000 fid-19 ta` Ottubru 2004 u ttrasferixxa l-ishma tieghu sabiex b` hekk Blasina seta`

jbiegh il-kumpannija. Huwa kien deher ghal Blaschem fil-kawza kontra Romano, Av. Gianfranco Gauci deher ghal Romano waqt li Ganado & Associates dehru ghal Pietro Blasina.

Stqarr illi Romano ttrasferixxa l-ishma tieghu fi Blaschem lil SCI Tower 98 biex b` hekk dik il-kumpannija kellha 26,460 *ordinary shares* waqt li Pietro Blasina kellu 540 *ordinary shares*. Ghal ragunijiet ta` taxxa, it-trasferiment sar fi tliet partijiet – *share transfer agreement* ; *technologies agreement* ; u *service agreement.* Is-*share transfer agreement* sar ghal EUR 800,000, it-*technologies agreement* fil-bidu kien ghal EUR 400,000 izda wara naqas ghal EUR 235,411 waqt li s-*service agreement* kien ghal EUR 180,000.

Kompla jghid illi fuq *share transfer agreement* Pietro u Luisa Blasina dehru ghal Blaschem, Luisa Blasina dehret ghal SCI Tower 98 u Pietro Blasina deher f`ismu personali. Luisa Blasina dehret ghal SCI Tower 98 bis-sahha ta` prokura mentri terzi dehru ghax-xerrej. Fit-*technologies* u s-*services agreements,* Luisa Pedroni dehret ghal SCI Tower 98 bis-sahha ta` prokura mentri deher Pietro Blasina deher f`ismu proprju u Crystal Pharma SA. Il-konjugi Blasina rcevew l-ammonti dovuti lilhom li thallsu minn Crystal Pharma Limited.

Sostna li l-konjugi Blasina kienu nfurmawh li kellhom bzonn dawn il-flus sabiex jehilsu mid-dejn ta` Lm 80,000 li kellhom ma` Bruno Romano. Kellhom ukoll kaz ma` Comind/Scottini ghal EUR 150,000 li kienu hallsu. Ighid illi Xini Holdings Limited utilizzat parti minn dawn il-flejjes biex tigi akkwistata l-proprjeta` u sabiex isiru xogholijiet fiha. Spjega li l-proprjeta` kienet akkwistata ghall-prezz ta` EUR 247,107, l-*improvements* gew jiswew EUR 108,351, mentri kien hemm addizzjonijiet ohra ammontanti ghal EUR 26,161 ; l-investiment totali kien ta` EUR 381,619.

Spjega li biex sar l-investiment f`Xini Holdings Limited, il-flus gew ghandu minghand il-konjugi Blasina. Seta` jassumi li dawk il-flus gew mill-bejgh ta` l-ishma f`Blaschem peress li kienu nfurmawh illi riedu jinvestu l-flus minn dak il-bejgh fl-akkwist ta` proprjeta` u fi hlas tal-kredituri taghhom. L-ishma ta` Xini Holdings Limited kienu maqsuma ndaqs bejn il-konjugi Blasina.

Ipprezenta dokument immarkat bhala Dok ANA1 li fih kienu ndikati l-flus li thallsu minn Crystal Pharma SA lil Pietro Blasina u lil SCI Tower 98.

Xehed illi ma kienx f`pozizzjoni li jaghti dettalji dwar Crystal Pharma SA u partikolarment dwar kontijiet li fihom thallsu l-flejjes derivanti mill-bejgh ta` l-assi u *technologies* ta` Crystal Pharma peress li s-socjeta` estera ma kenitx klijenta tieghu.

Stqarr illi Crystal Pharma SA hija kumpannija registrata fi Spanja li ghandha sussidjarja Malta bl-isem ta` Crystal Pharma Limited. Spjega li huwa l-avukat ta` din is-sussidjarja u kien awtorizzat jixhed ghas-socjeta` estera fil-kawza tal-lum.

Ipprezenta Dok ANZ1 li huwa dokument preparat minn Crystal Pharma SA li juri l-pagamenti li saru, id-data li fih saru u lil min saru.

Qal illi sas-7 ta` April 2009, N Trust Limited kienet l-unika direttur ta` Tokk Limited. Din tal-ahhar kienet iffurmata fis-6 ta` Gunju 2007. Dak iz-zmien l-azzjonisti kienu socjeta` bl-isem ta` Fiduciare Limited, li hija wkoll operata minnu, u li fi Frar 2008 ittrasferiet l-ishma lil N Trust Limited. Din tal-ahhar nehhiet il-*fiduciary cover* taghha favur Luisa Pedroni f`April 2009.

Spjega li fil-kaz in ezami, l-attur qed isostni li Luisa Pedroni investiet ammonti sostanzjali ta` flus minn tieghu u talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Luisa Pedroni li thallas lura dawk il-flejjes.

Huwa kkontesta l-fondatezza tal-pretensjoni attrici.

Xehed illi fit-18 ta` Novembru 1983, miet Emanuele Pedroni u halla lill-konvenuta u lil ommha Olga Forni bhala eredi tieghu. Halla zewg proprjetajiet go Sesto San Giovanni l-Italja. Fid-9 ta` Novembru 2006, proprjeta` minnhom inbieghet ghall-prezz ta` EUR 38,000 u fit-12 ta` Dicembru 2007, il-proprjeta` l-ohra nbieghet ghall-prezz ta` EUR 142,000. Fil-21 ta` Novembru 2006, Luisa Pedroni ttrasferit is-somma ta` EUR 34,825 ghall-kont personali taghha f`Malta bin-nru 40014646287. Fl-14 ta` Dicembru 2007, is-somma ta` EUR 139,300 kienet trasferita fl-istess kont.

Qal illi b`total ta` depoziti fis-somma ta` EUR 174,125, Luisa Pedroni sellfet dawk il-flus lil Tokk Limited sabiex takkwista xi fondi Malta.

Ipprezenta kopja ta` l-*audited financial statements* ghas-sena 31 ta` Dicembru 2007.

Spjega fil-pagni 14 u 15 jidher li kien sar investiment ta` EUR 44,738 u fl-2008 is-somma telghet ghal EUR 174,888.

Spjega li fil-pagna 15 jidher li l-bilanc dovut minnl Tokk Limited lil Luisa Pedroni kien ta` EUR 188,111 ; minnhom EUR 174,125 kienu flus li rceviet mill-bejgh tal-proprjetajiet taghha fl-Italja. Id-differenza fl-ammonti kienu fondi personali li kienet faddlet.

Kompla jghid li fil-pagna 7 jirrizulta li l-unici assi tal-kumpannija kienu fondi ammontanti ghal EUR 174,888, bilanc bankarju ta` EUR 143 li kienu finanzjati minn *shareholders loan* ta` EUR 188,111. Ma kienx hemm investimenti jew trasferiment ta` fondi ohra minn jew favur ta` Tokk.

Stqarr illi l-investiment li ghamlet Luisa Pedroni f`Tokk kien fil-forma ta` self u mhux *share capital.* Spjega li ma kienx hemm ftehim ta` self fil-forma skritta u din hija haga normali meta jkun hemm azzjonist wiehed. Tokk hija proprjeta` ta` Luisa Pedroni. Tokk ma kellhiex bzonn licenzja biex taghmel l-investiment peress li l-investimenti ma kinux qed isiru ghal terza persuna.

Xehed illi ma kienx hemm bzonn il-kunsens ta` Pietro Blasina biex tkun involuta Fiduciare Limited. Spjega li minkejja li kienet tezisti l-komunjoni ta` l-akkwisti bejn il-konjugi Blasina, dawn kienu nfurmawh li f`Monaco kienu marru ghas-separazzjoni ta` l-assi. Qal illi l-ishma huma *movables* di natura u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jigi involut Pietro Blasina anke jekk kienet tezisti l-komunjoni ta` l-akkwisti. Ighid illi qatt ma kellhom diskussjoni bejniethom dwar jekk koppja li giet tghix Malta kellhiex taghmel skrittura ta` separazzjoni ta` assi mill-gdid jekk riedu jeskludu l-komunjoni ta` l-akkwisti Malta.

Ikkonferma li l-konjugi Blasina kienu stabbiliti Malta zmien qabel saret Tokk Limited. Huwa kien avvicinat minn Luisa Pedroni dwar il-fondi li ntuzaw ghalTokk Limited u dawn kienu fondi parafernali. Ghalih l-ishma dejjem kienu ta` Luisa Pedroni de proprio mhux tal-komunjoni ta` l-akkwisti.

Spjega li bhala *fiduciary,* huwa jidhol f`*fiduciary agreement* ma` persuna li f` dan il-kaz kienet Luisa Pedroni.

Qal illi ma kien sar l-ebda hlas ta` interessi jew *dividends* minn Tokk lill-konvenuta.

Stqarr illi ma jaf xejn dwar l-allegazzjoni ta` Pietro Blasina illi huwa sellef EUR 100,000 lil martu biex taghmel rinovar fi proprjeta` taghha fl-Italja.

Dwar l-*accumulated losses* ta` EUR 14,895, stqarr illi kien hemm spejjez ta` EUR 13,295 fil-maggor parti minhabba diminuzzjoni fil-valur ta` l-investimenti. Kien hemm EUR 706 fi spejjez finanzjarji u EUR 894 rapprezentanti *accumulated losses* mis-sena 2007. Meta jghodd l-EUR 13,295 ma` l-EUR 894 u mal-EUR 706 (b`total ta` EUR 14,895) dak igib l-*accumulated losses* tal-2008.

**Romuald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed illi_Pietro Blasina kellu tliet kontijiet bankarji u kellu kont bankarju li nghalaq.

Stqarr illi l-kont maghluq kien *foreign currency account* li nfetah fit-18 ta` Ottubru 1999 u ghalaq fit-13 ta` Ottubru 2008.

Qal illi infetah kont fl-Ewro fit-13 ta` Ottubru 2005, li kellu bilanc ta` EUR 5.09 fis-27 ta` Ottubru 2010.

It-tieni kont kien *savings* fil-munita ta` l-Ewro. Infetah fl-4 ta` Frar 2009. Fis-27 ta` Ottubru 2010 kellu bilanc ta` EUR 33.08.

It-tielet kont kien *current.* Infetah fl-20 ta` Mejju 2009. Fil-25 ta` Ottubru 2010 kellu bilanc ta` EUR 51.21.

Spjega li kien hemm kont kongunt bejn il-partijiet li kien *current account* miftuh fl-14 ta` Awissu 1997 u li fit-30 ta` Gunju 2010 kellu bilanc ta` EUR 490.52c.

Xehed ukoll illi huwa sab prokura li ghamel Pietro Blasina favur Sarah Blasina ; biha kienet revokata il-prokura li kien ta favur il-konvenuta u li kienet iggib id-data tat-8 ta` Marzu 2009.

Kompla jixhed illi wara ricerka li ghamel fuq Luisa Pedroni bil-karta ta` l-identita` numru 39090A , irrizulta s-segwenti kontijiet bankarji : (i) kont bankarju numru 40010607644 fil-munita Dollari Amerikani liema kont infetah fil-25 ta` Frar 2001 ; (ii) kont bankarju numru 40014992106 fil-munita Ewro tat-tip *savings* liema kont infetah fis-17 ta` Marzu 2006 ; (iii) kont bankarju numru 40016942549 fil-munita Ewro tat-tip *savings* liema kont infetah fit-8 ta` Frar 2008 ; (iv) kont bankarju numru 40010916021 *term deposit* fil-Lira Maltija liema kont infetah fl-1 ta` Ottubru 2001 u nghalaq fid-9 ta` Marzu 2016 ; (v) kont bankarju numru 40014646287 fil-munita Ewro tat-tip *savings* liema kont infetah fis-7 ta` Ottubru 2005 u nghalaq fit-8 ta` Frar 2008 ; (vi) kont bankarju numru 40015702010 *term deposit* fil-munita Ewro liema kont infetah fl-14 ta` Dicembru 2006 u nghalaq fl-14 ta` Mejju 2007 ; u (vii) kont bankarju numru 40016242391 *loan account* li nfetah fl-20 ta` Gunju 2007 u nghalaq fis-7 ta` Jannar 2008.

**2. <u>Ir-relazzjoni peritali</u>**

**a) <u>Dwar il-fond 116, Via Leonardo Da Vinci, Sesto San Giovanni, Italia</u>**,

il-perit legali jghid hekk :-

*"Jinghad mill-bidu ta` din ir-relazzjoni, illi l-perit legali ser jiskarta kwalunkwe proposta mressqa mill-atturi fis-sens illi stante illi l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina kienet sempliciment impjegata, u li allura hija ma kellhiex- dejjem skond l-atturi – mezzi finanzjarji sufficjenti ssabiex takkwista dan l-appartament, ergo, li l-flus sabiex hija akkwistat l-istess appartament kienu provenjenti minn assi ta` Pietro Blasina. Din hija biss assunzjoni ghal kollox gratwita li ma hija sorretta bl-ebda prova konkreta u li ghalhekk ma ghandha tinghata l-ebda piz probatorju. Hija ghall-istess raguni illi d-dokumenti mmarkati bhala Dok PB1 u PB2 ezebiti mil-attur Pietro Blasina ma ghandhom l-ebda sinifikat partikolari, in kwantu l-atturi donnhom qeghdin jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti tassumi illi peress illi l-qligh dikjarat ta` Luisa Pedroni Blasina ghas-snin 1989 u 1990 kien ta` 51,087 liri Taljani – ekwivalenti ghar-rata ta` kambju proposta mill-attur gassomma ta` EUR 26.38 – alura ghandu tabilhaqq mis-sewwa dak li jghidu l-atturi fis-sens illi dan l-appartament gie akkwistat minn Luisa Pedroni Blasina f`isem Pietro Blasina ! Se mai kien jispetta lill-atturi jressqu prova konvincenti li l-partimonju tal-konvenuta ma kienx sufficjenti sabiex isir l-akkwist, u*

*oltre dan li l-konvneuta ma sabitx sors ta` fondi iehor bhal ma huwa, per ezempju self sabiex hija takkwista dan l-appartament. L-istess jinghad ghal Dok PB 4. Minkejja li dawn il-hames dokumenti lkoll immarkati bhala Dok PB 4 igibu d-data tad-9 ta` Marzu 1990, u cioe` d-data li fih Luisa Pedroni Blasina akkwistat dan l-appartament, d-dokumenti jindikaw biss li fuq ordni ta` Pietro Blasina kien intalab li jinhargu bank drafts fis-somma komplessiva ta` Liri Taljani 100,000,000. Tajjeb illi jinghad illi dan l-appartament giet akkwistat bil-prezz komplessiv ta` Liri Taljani 166,500,000 u cioe` somma akbar minn dak indikat fuq DOk PB 4 bhala l-kontribut jew versament minnu allegatament maghmul favur l-akkwist ta` dan l-appartament. Ma hemmx dubju illi l-bilanc ta` Liri Taljani 56,500,000 thallas minn xi had, pero` mhux talli l-attur Pietro Blasina ma jindikax min u kif hallas din is-somma, izda talli ghal kuntrarju qieghed jippretendi illi l-konvenuti jew min minnhom iroddu lura il-prezz tal-bejgh intier.*

*Luisa Pedroni Blasina tichad ukoll illi hija qatt iffirmat id-dokument immarkat bhala Dok PB5. Tajjeb jinghad illi dan id-dokument jikkonsisti f`fax li ma jgibx data jew indikjazzjonijiet ohra li dawn it-tip ta` dokumenti solitament igorru.*

*Dato ma non concesso illi dan kien tassew l-arrangament, Pietro Blasina qieghed f`dawn il-proceduri jitlob il-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom fis-somma ta` EUR 350,000 liema somma huwa jindika bhala l-prezz tat-trasferiment u dan filwaqt li jinghad minn Pietro Blasina innifsu illi l-prezz indikat fuq l-att tat-trasferiment kien ta` EUR 173,000, minn liema somma thallset is-somma ta` EUR 7,500 f`taxxi. Minkejja illi l-atturi ezebew xejn inqas minn 16-il dokument fir-rigward ta` dan l-akkwist u bejgh, il-kuntratt ta` bejgh ma giex minnhom ezebit. Hekk ukoll, minkejja illi Pietro Blasina jtenni illi l-konvenuta kienet qaltlu illi l-prezz tal-bejgh kien disponibbli ghalih f`kont bankarju f`Milan, l-ebda prova ta` dan ma ngiebet.*

*Fil-fehma ta` l-esponenti, dawn l-indizzji spezzettati ma jikkostitwux prova konvincenti li tista` twassal ghal decizjoni favorevoli ghall-atturi. Il-konvinciment morali ma jintlahaqx a bazi ta` mera allegazzjonijiet li sahansitra huwa kontradett mill-iskritt, partikolarment f`kawza fejn il-provi huma dghajfa fir-rigward tad-diversi pretensjonijiet mressqa mill-attur."*

**b) <u>Dwar l-ishma fil-Banca Popolare di Trieste,</u>**

il-perit legali jghid hekk :-

*"Lanqas ma tista` din l-Onorabbli Qorti tistrieh merament fuq dikjarazzjoni guramentata ta` l-attur sic et sempliciter illi huwa*

*kien proprjetarju ta` xi ishma fil-Banca Popolare di Trieste kif jinghad fl-affidavit tieghu. F`dan il-kaz la tressqet prova li l-attur kien akkwista dawn l-ishma, la tressqet prova tal-prokura li jghid illi kien ikkonceda favur il-konvenuta, kif lanqas tressqet prova dwar it-trasferiment ta` dawn l-ishma jew il-valur taghhom, li sahansitra l-attur stess jiddubita meta jghid: `I will have to check exactly what the selling price for such shares was at the time of the sale."*

*Ghal din ir-raguni, il-pretensjoni tal-attur f`dan ir-rigward ghandha tigi michuda."*

**c) <u>Dwar ir-restituzzjoni tas-somma ta` EUR 41,316 wara l-bejgh tal-fond 236, Via Boccaccio, Sesto San Giovanni,</u>**

il-perit legali osserva :

*"Il-provi f`dan ir-rigward huma, fil-fehma ta` l-esponenti, ugwalment monki. Fl-ewwel lok jigi precizat li mhuwiex kontestat il-fatt illi Luisa Pedroni Blasina kienet wirtet dawn l-assi immobiljari minghand l-antenati taghha, u dan huwa raffermat bid-dikjarazzjoni ta` successjoni esebita bhala Dok PB 17. Lanqas ma huwa kontestat li kienu saru xogholijiet f`dawn il-fondi, tant illi saru pagamenti f`dan ir-rigward. Dak li jirrizulta car u evidenti mid-dokumenti esebiti minn Pietro Blasina huwa biss illi*

*Pietro Blasina awtorizza lil Luisa Pedroni Blasina sabiex tirtira s-somma ta` USD 20,000 nhar id-9 ta` Dicembru 2002, u dan meta l-kuntratt ta` appalt ezebit mill-istess Pietro Blasina jgib id-data tat-2 ta` Awissu 2003. Dan qieghed jinghad ghaliex jissemma fin-nota pprezentata minn Pietro Blasina u mhux ghaliex id-dokument PB 18 jindika xi ness ma` dawn ix-xogholijiet.*

*Talba ghat-trasferiment tas-somma ta` EUR 2,500 mill-kont bankarju ta` Happy Hour li, oltre li ma hemm ebda prova li din is-somma giet utilizzata sabiex jithallsu l-appaltaturi, l-istess Happy Hour mhijiex parti minn il-kawza. Fi kwalunkwe kaz, id-dokument PB 22 ma jikkostitwixxi l-ebda prova, kif jinghad fin-nota pprezentat mill-attur fir-rigward ta` dan id-dokument, illi dan id-dokument jikkostitwixxi prova illi l-kont bankarju li r-rendikont PB 21 jirreferi ghalih huwa tal-attur. Li jirrizulta car minn Dok PB 21 huwa illi l-kont huwa intestate f`isem Happy Hour, u li n-numru tal-kont ma jikkombacja ma` l-ebda numru fuq Dok PB 22.*

*Talba maghmula minn Luisa Pedroni Blasina ghal trasferimenti mill-kont bankarju taghha stess fl-Italja kif indikat bil-kliem "addebitando il mio conto 292155601/66 presso di voi" u zewg talbiet ghal trasferiment mill-kont bankarju 40014646287 ghal kont personali taghha fl-Italja fis-somma globali ta` EUR 8,000.*

*Filwaqt li fl-affidavit tieghu Pietro Blasina jghid li din is-somma ta` EUR 41,316 kenet intbaghtet minn kontijiet bankarji f`Malta, u minkejja li gew ezebiti diversi kontijiet bankarji, inkluzi dawk f`isem Pietro Blasina, ma jirrizulta l-ebda trasferiment ta` din is-somma mid-dokumenti ezebiti, izda biss hlas lill-appaltaturi tas-somma ta` EUR 24,750 minn kont l-Italja f`isem Luisa Pedroni Blasina.*

*Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet, u stante illi ma tirrizultax prova illi l-attur ittrasferixxa s-somma ta` EUR 41,316 kif huwa jghid li ghamel favur il-konvenuta Luisa Pedroni, hija l-fehma ta` l-esponenti illi din il-pretensjoni ta` l-atturi lanqas ma tirrizulta misthoqqa."*

**d) <u>Dwar it-trasferiment fir-rigward ta` Blaschem Limited</u>**

il-perit legali osserva :

*"Ix-xhieda preciza ta` Dr Antoine Naudi, debitament sorretta bi provi dokumentali, hija centrali ghar-resoluzzjoni ta` din il-parti tat-talba attrici kif sewwa sew huma d-diversi dokumenti ezebiti mir-rapprezentant ta` Bank of Valletta plc. Jinghad ukoll illi l-bilanc ta` probabilitajiet ixaqleb favur it-tezi ta` Luisa Pedroni Blasina, fis-sens li din tghid f`dan ir-rigward illi kien gie miftiehem illi jinfetah kont bankarju f`isimha sabiex tircievi hlasijiet intizi ghal Pietro Blasina u SCI Tower 98 u taghmel il-hlasijiet relattivi u necessarji, kif irrizulta li sar. Dan fil-fatt jghid Pietro Blasina nnifsu fl-affidavit tieghu. Huwa evidenti li kollox kien miexi sew sakemm, kif tghid il-konvenuta u anke Dr Naudi, intromettew ruhhom bejn il-konjugi ulied Pietro Blasina, illum atturi, biex b` hekk sar necessarju li l-konjugi jiddistingwu bejn "tieghu" u "tieghi" . Tant illi sa ftit snin qabel Pietro Blasina u Luisa Pedroni Blasina rregistraw s-socjeta` Xini Holdings Limited f`kopertura fiducjajrja sewwa sew sabiex ma jkunx possibbli ghal ulied l-attur jiehdu iktar procedure kontra missierhom. Fid-dawl ta` dan huwa ferm evidenti illi kienet ir-rieda ta` Pietro Blasina li jitrasferixxi ghal Xini Holdings Limited somom li kienu predestinati ghal SCI Tower 98 u li dawn jigu addebitati fil-kwota ta` 50:50 fis-socjeta` Xini Holdings LImtied kif jixhed Dr Antoine Naudi.*

*It-trasferimenti li saru minn Blaschem favur Crystal Pharma, li da parti taghha hallset dak minnha dovut, kienu konsistenti fis-segwenti :*
*a. Trasferiment ta` ishma ghall-valur ta` EUR 800,000 li minnhom thallset is-somma ta` EUR 785,500.00;*
*b. Technologies agreement, fir-rigward ta` liema kienet pattwita s-somma ta` EUR 235,411;*
*c. Service Agreeement, fir-rigward ta` liema kienet pattwita s-somma ta` EUR 180,000.*

*Biex b` hekk is-somma globali li kellha tithallas kienet ta` EUR 1,200,911. Din thallset in kwantu s-somma ta` EUR 108,000 lil Professur Ian Refalo, in kwantu s-somma ta` EUR 16,000 lil Pietro Blasina, u in kwantu s-somma ta` EUR 1,075,887.80 dovuti lil SCI Tower 98 fil-kontijiet bankarji ta` Luisa Pedroni Blasina.*

*Fiz-zmien relattiv, l-ishma kollu ta` Blaschem kienu jappartjenu lis-socjeta` SCI Tower 98, dan ghajr 2% tal-ishma li kienu jappartjenu lil Pietro Blasina.*

*Issa jirrizulta illi SCI Tower 98 rceviet is-somma ta` EUR 782,911 (dan huwa sorrett bi provi dokumentali) filwaqt li Pietro Blasina rcieva s-somma ta` EUR16,000 (dan huwa sorrett bi provi dokumentali). Somma ta` EUR 108,000 thallsu lil Professur Ian Refalo. Jirrizulta wkoll illi Luisa Pedroni Blasina rceviet is-somma ta` EUR 294,000 fir-rigward ta` Shares & Loans. Minkejja illi d-diversi ftehim ma humiex ezebiti, l-prospett ezebit minn Dr Antoine Naudi jindika illi l-hlas li effettivament ssar fir-rigward ta` Shares & Loans kien ta` EUR 785,500. Tnejn fil-mija ta` din is-somma ammontanti ghal EUR 15,710 . Din kienet ricevibbli minn Pietro Blasina, li madanakollu rcieva s-somma ta` EUR 16,000.B` hekk jirrizulta illi Pietro Blasina f`dan l-istadju ma jista` jkollu l-ebda pretensjoni f`dan ir-rigward.*

*Dovuta lil SCI Tower 98 kienet is-somma ta` EUR 1,184,911.00 u cioe :*
*1. 98% mis-somma ta` EUR 785,500.00 fir-rigward ta` Shares & Loans, ammontanti ghal EUR 769,5000.000;*
*2. Is-somma ta` EUR 235,411 fir-rigward ta` Technology;*
*3. Is-somma ta` EUR 180,000 fir-rigward ta` Services.*

*Jirrizulta wkoll illi l-hlasijiet dovuti lil SCI Tower 98 thallsu kif isegwi:*
*i. In kwantu s-somma ta` EUR 117,378 fil-kont bankarju mizmum ma` Bank of Valletta f`isem Luisa Pedroni Blasina bin-numru 40014992106;*

*ii. In kwantu s-somma ta` EUR 958,513.80 fil-kont bankarju mizmum ma` Bank of Valletta f`isem Luisa Pedroni Blasina bin-numru 4001464287;*
*iii. Il-hlas ta` EUR 108,000 li sar direttament lil Professur Ian Refalo.*

*Somma globali ta` EUR1,83,891.80 li minnhom kien fadal disponibbli ghal SCI Tower 98 is-somma ta` EUR 117,378.00 maghduda mas-somma ta` EUR 958,513.80c total ta` EUR 1,075,891.80, somma li kienet fil-pussess u taht il-kontroll ta` Luisa Pedroni Blasina bi ftehim ta` l-attur Pietro Blasina.*

*Il-konvenuta ma tichadx illi hija rceviet dawn il-flejjes. Ghal kuntrarju tghid illi dan sar bi ftehim esplicitu mal-attur Pietro Blasina, tant illi l-kont bankarju bin-numru 40014646287 f`isimha kien infetah ghal da nil-ghan. Dan huwa konfermat minn Pietro Blasina fl-affidavit tieghu. Il-kwezit li jinhtieg li jigi rizolt huwa dwar jekk, kif tallega s-socjeta` attrici SCI Tower 98, dawn il-flus approprijawhomx il-konvenuti jew altrimenti, kif tghid il-konvneuta, jekk dawn gewx utilizzati sabiex jithallsu kreditu ta` Blaschem, spejjez relatati mal-kumpannija, spejjez relatati mas-sahha ta` Pietro Blasina, id-dar ta` Marsaxlokk, u ghal bzonnijiet ta` kuljum taghhom bhala konjugi.*

*Jirrizulta minn ezami akkurat tad-dokument ezebiti u d-deposizzjoni tax-xhieda illi Luisa Pedroni Blasina ghamlet is-segwenti hlasijiet u trasferimenti, lkoll indikati fl-anness prospett immarkat bhala Anness I ma` din ir-relazzjoni:*
*1. Is-somma ta` EUR 189,352.07 lil Bruno Romano;*
*2. Is-somma ta` EUR 18, 934.92 lil Blaschem;*
*3. Is-somma ta` EUR 24,650.00 indikata bhala Old Pharma;*
*4. Is-somma ta` EUR 381,619 trasferita favur Xini Holdings Limited;*
*5. Is-somma ta` EUR 150,000 indikata minn Dr Antoine Naudi bhala imhalls lil COmind/Scottini in segwitu ghal xi proceduri gudizzjarji;*
*6. Is-somma ta` EUR 99,097.41 rapprezentanti trasferimenti kif indikati fl-Anness I li saru mill-kont bankarju ta` Luisa Pedroni Blasina ghal kontijiet bankarji f`ismijiet kongunti ta` Pietro u Luisa Pedroni Blasina u li jirrizulta li kienu qeghdin jigu utilizzati fost affarijiet ohra ghal bzonnijiet giornalieri tal-konjugi Blasina, fosthom ghal bzonnijiet medici ta` l-attur innifsu.*

*Ghandu jinghad ukoll illi minn dan il-kont bankarju jirrizultaw diversi trasferimenti ohra, li madanakollu ma tinghata l-ebda deskrizzjoni taghhom jew raguni ghalihom, u ghal din ir-raguni ma jistghax jigi sempliciment jigi prezunt illi dawn gew utilizzati*

*minn Luisa Pedroni Blasina ghar-ragunijeit li hija tghid li gew utilizzati. Kien jispetta lill-konvenuta li tressaq provi u spjegazzjonijiet ghal dawn it-trasferimenti uliterjui li mhumiex sorretti b` dokumenti u bi provi sabiex jigi dettaljatament spjegat x`sar mis-somma bilancjali ta` EUR 212,238.40 li allura fl-umli opinjoni ta` l-esponenti hija ghandha tigi meqjusa li ghandha trod lura lis-socjeta` SCI Tower 98.*

*Jenhtieg illi jigi kkunsidrat ukoll, stante l-fatt li s-socjeta` Tokk Limited tinstab ukoll imharrka f`dawn il-proceduri, jekk din is-socjeta` ghandiex fil-pussess taghha assi appartenenti lil SCI Tower 98 u f`kaz ta` ezitu pozittiv, jekk din is-socjet`a ghandiex tirrispondi ghad-domandi attrici.*

*Jibda biex jinghad illi mhuwiex kontestat, anzi huwa konfermat bix-xhieda ta` Dr Antoine Naudi, illi l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina kienet trasferiet assi immobiljari li hija kellha fl-Italja u li l-prezz tal-bejgh gie depozitat fil-kont bankarju bin-numru 40014646287. Dan oltre xi assi ta` ommha. Dr Antoine Naudi jispjega ulterjorment kif il-konvenuta Luisa Pedroni Blasina kienet originarjament akkwistat investiment f`isimha li gew sussegwentement trasferiti f`isem Tokk Limited minghajr hlas izda indikati bhala shareholder loan. Dato ma non concesso illi xi parti mis-somma ta` EUR 212,238.40 giet fil-fatt trasferita favur jew f`isem Tokk Limited, l-ebda relazzjoni guridika ma giet stabbilita bejn SCI Tower 98 u Tokk Limited. Fi kliem iehor, jekk xi flejjes inzammu indebitament minn xi had, dawn inzammu mill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina u mhux ukoll minn Tokk Holdings Limited li hija merament debitur ta` Luisa Pedroni Blasina ghal dawk li huma shareholders loans.*

*Illi dwar il-kwistjoni ta` liema regim matrimonjali kien japplika jinghad illi dan mhuwiex ta` relevanza ghall-kaz odjern in vista tal-fatt illi l-provi juru bic-car illi l-pretensjoni ta` l-attur proprio m` ghandhiex mis-sewwa, u dan ghal kuntrarju tal-pretensjonijiet tas-socjeta` attrci SCI Tower 98. Li kieku kien minnu dak li jallega l-attur proprio, u cioe li l-konvneuti jew min minnhom ghandhom assi appartenenti lilu personalment, allura kien ikun mehtieg li jigi mistharreg liema regim matrimonjali huwa applikabbli in kwantu jkun jrid jigi stabbilit minn huwa s-sid ta` dak il-patrimonju u ghalhekk dwar jekk kellux dritt li jiddisponi minnu minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra fiz-zwieg o meno. Dan pero` ma jirrizultax li huwa l-kaz. Ma jistghax jonqos milli jinghad pero` illi xi flejjes kienu qed jigu utilizzati ghal bzonnijiet giornaljerji tal-konjugi, minghajr possibilita` li wiehed jiddistingwi kemm, ghalkemm ghal darba ohra jinghad illi l-*

*beneficcjarju kien ukoll Pietro Blasina, huwa stess beneficcjarju ta` SCI Tower 98.*

*Jinghad fl-ahhar illi minkejja li Luisa Pedroni Blasina tirreferei ghal diversi hlasijiet allegatament maghmula ghan-nom ta` Blaschem u Pietro Blasina, l-ebda kontro talba ma saret minnha f`dawn il-proceduri. L-esponenti ghalhekk qieghed jillimita ruhu ghal dawk is-sommom li jirrizulta li thallsu mill-kont bankarju relattiv u cioe` 400164564287."*

**e) <u>L-eccezzjonijiet ta` Luisa Pedroni Blasina</u>**

**i) <u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>**

il-perit legali jghid hekk :-

*"Illi minn ezami akkurat tal-atti, inkluz id-dokumenti ezebiti, jirrizulta, kif gia` ampjament ikkunsidrat aktar `il fuq f din ir-relazzjoni, illi l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina rceviet in segwitu ghat-trasferimenti relatati ma` Blaschem f`kontijiet bankarji f`isimha s-somma ta` EUR 1,075,891.80 u li minn dawn hija ghamlet hlasijiet u trasferimenti fis-somma ta` EUR 863,653.40, biex b` hekk jirrizulta illi hija ghandha zzomm is-somma ta` EUR 221,238.40.*

*Illi stante dawn ir-rizultanzi, hija l-fehma ta` l-esponenti illi din l-eccezzjoni ghandha, fil-fehma ta` l-esponenti, tigi michuda."*

**ii) <u>Dwar it-tieni eccezzjoni</u>**

Il-perit legali cahad it-tieni eccezzjoni bhala konsegwenza ta` dak li rrileva dwar l-ewwel eccezzjoni.

**iii) <u>Dwar it-tielet eccezzjoni</u>**

Il-perit legali jghid hekk :-

*"Illi din l-eccezzjoni mhijiex wahda li tisthoqq xi kunsiderazzjoni partikolari, u dan mhux inqas ghaliex ma tressqet l-ebda prova illi l-attur ma kienx fi stat mentali li jippartecipa f`din il-procedura jew sahansitra li jigguramenta affidavit. Kemm-il*

*darba ma jirrizultax li l-attur kien interdett, allura huwa prezunt li l-attur Pietro Blasina kien kapaci jaghmel dawn l-atti kollha tal-hajja civili, inkluz li jintavola din il-kawza u jaghmel stqarrijiet guramentati. Sta ghal min jiggudika sabiex fic-cirkustanzi jizen u jevalwa l-provi kollha prodotti mill-partijiet u jaghmel decizjonijiet dwarhom, minghajr kunsiderazzjoni ghall-istat ta` sahha fizika jew mentali ta` xi parti jew ohra. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda."*

**f)** **<u>L-eccezzjonijiet ta` Tokk Limited</u>**

**i)** **<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>**

Il-perit legali jghid hekk :-

"*Illi kif jinghad iktar `il fuq f`din ir-relazzjoni, jirrizulta mill-provi illi l-ebda flejjes appartenenti lil SCI Tower 98 ma ghaddew direttament (u cioe` minghajr l-involviment ta` Luisa Pedroni Blasina) ghand Tokk Limited, li rceviet l-assi f`forma ta` investimenti taghha minghand il-konvenuta Luisa Pedroni Blasina. Huwa ghalhekk evidenti illi d-debitur ta` SCI Tower 98 ma huwa hadd iktar hlief il-konvenuta Luisa Pedroni Blasina, u li Tokk Limited tassew m`ghandiex relazzjoni guridika ma` SCI Tower 98. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tintlaqa`.* "

**g)** **<u>It-talbiet attrici</u>**

Dwar it-talbiet attrici, il-perit legali jghid hekk :-

"***<u>L-ewwel talba attrici</u>***

*Illi fil-fehma ta` l-esponenti din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tilqa` parzjalment l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina ghandha fil-pussess taghha somma flus appartenenti lis-socjeta` SCI Tower 98.*

***<u>It-tieni talba attrici</u>***

*Illi fil-fehma ta` l-esponenti, is-somma dovuta mill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina favur SCI Tower 98 hija s-somma ta` EUR 221,238.40c u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi*

*sabiex tilqa` din it-tieni talba tal-attrici SCI Tower 98 u tillikwida s-somma dovuta mill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina favur SCI Tower 98 fis-somma ta` EUR 221,238.40.*

***<u>It-tielet talba attrici</u>***

*Illi in vista ta` dak espost fir-rigward ta` l-ewwel zewg talbiet, fil-fehma ta` l-esponenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tilqa` t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina thallas lis-socjeta` SCI Tower 98 s-somma ta` EUR 221,238.40."*

**h) <u>Konkluzjoni</u>**

Il-perit legali jaghlaq hekk :-

*"Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi migbura u fil-fehma umli ta` l-esponenti, din il-Qorti ghandha, filwaqt li tilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Tokk Limited u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Luisa Pedroni Blasina fl-intier taghhom, tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici limitatament billi tiddikjara illi l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina ghandha fil-pussess taghha s-somma ta` EUR 221,238.40 appartenenti lis-socjeta` attrici SCI Towers 98 u ghalhekk tikkundanna lill-istess konvenuta Luisa Pedroni Blasina sabiex thallas lis-socjeta` SCI Tower 98 is-somma likwidata ta` EUR 221,238.40.*

*In kwantu l-imghaxijiet, stante l-applikazzjoni tal-principju in illiquidis non fit mora, l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru biss mill-gurnata tas-sentenza finali."*

**3. <u>L-eskussjoni</u>**

Il-perit legali wiegeb ghal domandi in eskussjoni.

Xehed illi mid-denunzji li pprezenta Pietro Blasina ghal xi snin jidher li Luisa Blasina kellha introjtu minimu ta` xi EUR 26 ta` kull sena.

Spjega li huwa kkonkluda li minkejja li rrizulta li ghal xi sentejn, dak kien l-introjtu ta` Luisa Pedroni, ma jfissirx illi patrimonju taghha kien jikkonsisti biss fi EUR 26 ta` kull sena.

Qal illi seta` kellha patrimonju akbar.

Spjega li qal illi ma ngabitx prova minn Pietro Blasina illi kien hemm xi self jew xi haga ohra biex jigi finanzjat l-appartament.

Stqarr illi Pietro Blasina pprezenta numri ta` mammi ta` cekkijiet intestati f`ismu li jgibu d-data li fiha sar l-akkwist tal-appartament ta` Sesto San Giovanni.

Spjega li ghad illi ma kienx hemm problema dwar l-awtenticita` ta` dawk id-dokumenti, ma kien hemm l-ebda prova illi b`xi mod dawk ic-cheques kienu ssarrfu minn Luisa Blasina u l-flus utilizzathom biex tixtri l-appartament. Barra minn hekk meta wiehed jghodd l-import tac-cheques, isib li t-total ma jaqbilx mal-valur ta` l-appartament.

Spjega li l-bank drafts kellhom valur ta` 110,000,000 Lira Taljani filwaqt li l-prezz tal-appartament kien ta` 166,500,000.

Sostna li Pietro Blasina qed jippretendi li jirkupra l-ammont kollu tal-valur ta` l-appartament meta t-total tal-bank drafts huwa ta` 110,000,000 liri taljani.

Ikkonferma li l-appartament huwa fl-isem ta` Luisa Blasina.

Stqarr li fil-bidu Av. Antoine Naudi kien jassisti lill-konjugi Blasina. In segwitu baqa` jassisti lil Luisa Pedroni fil-formazzjoni ta` kumpannija ohra.

Ighid illi Dr Naudi pprovda dokumenti u xiehda cara dwar certu transazzjonijiet li saru bejn il-partijiet.

Ikkonferma li jista` jkun li x-xiehda ta` Dr Naudi ma kenitx sorretta b` dokumenti izda m`hemmx dubju li fl-evalwazzjoni tal-provi, huwa ta piz sostanzjali lix-xiehda ta` Dr Naudi.

Stqarr illi l-flus kienu qed jitpoggew fil-kont bankarju ta` Luisa Pedroni mhux bhala hlas izda aktar bhala depozitu.

Skont il-perit legali, Luisa Pedroni kienet depozitarja ta` dawk il-flus ghall-beneficcju tal-kumpanniji.

Ghan-nom ta` dawk il-kumpanniji, kienet hallset kredituri ohra.

Sostna li ma kien hemm l-ebd relazzjoni guridika bejn SCI Tower 98 u Tokk Limited.

Stqarr illi l-komunjoni ta` l-akkwisti ma tidholx fil-kwistjoni.

Fisser illi l-istatements li kienu ezebiti mir-rapprezentant tal-bank ma gewx spjegati mill-partijiet.

Spjega li ma nghatatx spjegazzjoni dettaljata dwar l-entrati li hemm fl-istatements, biex tingieb prova dwar ghal liema skop saru tali spejjez u a beneficcju ta` min.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti</u>

Il-Qorti sejra toqghod fuq il-provi.

Sejra tiskarta kull allegazzjoni li saret fin-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet kull fejn dik l-allegazzjoni ma kenitx ippruvata.

**Tirrimarka li huwa zleali ferm illi taghrif li ma jkunx ippruvat kif trid il-ligi, fl-istadju tal-gbir tal-provi, ikun inserit *baxx baxx* fin-noti ta` sottomissjonijiet.**

Il-Qorti tosserva li l-azzjoni tal-lum tirrigwarda flejjes li allegatament l-konvenuta kienet qed tamministra u li zammet ghaliha, liema flejjes allegatament kienu proprjeta` ta` l-attur u tas-socjeta` SCI Tower 98.

Abbazi ta` x-xiehda ta` l-attur, jirrizulta li l-pretensjonijiet attrici fil-kawza tal-lum huma diretti ghal erba` ammonti : (i) ir-rikavat tal-bejgh tal-appartament ta` Sesto San Giovanni ; (ii) ir-rikavat tal-investiment fil-Banca Popolare di Trieste ; (iii) is-somma ta` EUR 41,316 allegatament mislufa lill-konvenuta sabiex isir *refurbishment* tal-proprjeta` tal-familja taghha ; u (iv) il-bilanc ta` flus mill-bejgh ta` Blaschem (Malta) Limited.

**1. <u>L-appartament ta` Sesto San Giovanni</u>**

L-attur ighid illi qabel saret din il-kawza, qatt ma kien kontestat illi dan il-fond kien propjeta` tieghu.

L-attur iressaq dokumenti bhala prova :-

i) skrittura datata 9 ta` Marzu 1990 li permezz taghha l-konvenuta ddikjarat ruhha bhala fiducjarja ghan-nom ta` l-attur fl-akkwist tal-proprjeta` (Dok PB5 fol 109). Fl-iskrittura, il-konvenuta tirrikonoxxi li kienet *prestanome* ghall-attur fix-xiri tal-proprjeta` in kwistjoni.

ii) mammi originali ta` diversi bank drafts li jgibu total ta` Liri Taljani 110,000,000 liri (Dok PB4 fol 108) liema flejjes inhargu mill-kontijiet tal-attur sabiex allegatament jiffinanzja x-xiri ta` l-appartament.

iii) korrispondenza ma` agenti immobiljari fejn il-konvenuta tirreferi ghal dak li jrid zewgha bhala proprjetarju tal-fond (fol 110).

iv) nuqqas ta` introjtu tal-konvenuta hekk kif jirrizulta mid-*Dichiarazione dei Redditi* ghas-snin 1989 u 1990 (Dok PB1 fol 91 u Dok PB2 fol 93) kif ukoll minhabba li l-konvenuta ma kinitx dak iz-zmien propjetarja ta` assi immobbli.

v) nuqqas ta` provi da parti tal-konvenuta illi hija kellha fondi dak iz-zmien biex takkwista l-appartament.

Il-kwistjoni hija kollha kemm hi jekk l-akkwist sarx mill-konvenuta fl-isem taghha propju jew bhala mandatarja tal-attur.

Il-konvenuta toqghod fuq il-prova tal-kuntratt ta` akkwist (Dok PB3 a fol 98 et seq).

**a) <u>Dritt</u>**

Il-Qorti tirreferi ghall-Art 1871A tal-Kap 16 li kien introdott bis-sahha tal-Att XIII tal-2004.

Id-disposizzjoni tghid :-

*(1) Kull persuna li zzomm proprjetà ghal persuna ohra, izzomm il-proprjetà soggetta ghal obbligazzjonijiet fiducjarji lejnil-persuna li tinkarigaha ghal dak l-ghan, u tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta` dan il-Kodici dwar obbligazzjonijiet fiducjarji.*

*(2) Meta dik il-persuna takkwista proprjetà f`isimha stess izda ghan-nom ta` mandant, il-mandant jkollu f`kull zmien il-jedd li jitlob minghand il-mandatarju t-trasferiment taghha immedjat u bla kondizzjoni. Il-mandatarju ghandu ma` dik it-talba, jew, f`kull kaz mat-tmiem taz-zmien li matulu kellu jkompli l-mandat, minnufih jaghti rendikont tal-mandat tieghu skont l-artikolu 1875 u jittrasferixxi l-proprjetà lill-mandant b`dak il-mod li jkun xieraq,soggett ghal xi kondizzjonijiet specjali tal-mandat dwar drittijiet uspejjez u jeddijiet ta` xi terzi in bona fide.*

*(3) Minkejja l-artikolu 1886, mandat favur persuna li tkun qed tagixxi skont dan l-artikolu ma jiskadix –*

*(a) mal-mewt tal-mandant u jibqa` jorbot lill-mandatarjuli jikkonserva l-proprjetà u l-jeddijiet kollha relatati mieghu sa dak iz-zmien li l-proprjetà tkun mizmuma minnu tkun trasferita validament lill-eredi jewlegatarji tal-mandant ; u*

*(b) mal-falliment tal-mandant jew tal-mandatarju u jibqa`jorbot lill-mandatarju biex jikkonserva l-proprjetà u l-jeddijiet kollha relatati maghha sa dak iz-zmien li l-proprjetà mizmuma minnu tkun validament trasferitakif ordnat mill-qorti kompetenti ghall-beneficcju tal-mandant jew tal-kredituri tieghu skont il-kaz.*

*(4) Kondizzjoni tal-mandat li tkun tidher li torbot mandatarjukif intqal hawn fuq biex tkun trasferita l-proprjetà mizmuma minnulil terzi wara l-mewt tal-mandant ma tkunx valida kemm-il darbadik id-disposizzjoni ma tkunx maghmula b`testment skont il-formalitajiet mehtiega bil-ligi.*

*(5) Fil-kaz tal-mewt tal-mandant, il-werrieta skont il-ligi jew l-ezekutur, jekk ikun hemm, tat-testment tal-mandant, ikunu marbutin bl-istess obbligazzjonijiet biex jikkonservaw il-proprjetà mizmuma ghall-mandant u li minnufih jittrasferixxu l-proprjetà lilujew kif jista` jordnalhom, salvi dawk il-jeddijiet ghall-hlas ta`drittijiet u spejjez pendenti skont il-ligi.*

*(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 1871(1), f`kazijiet fejn mandatarju, kif imsemmi hawn qabel, igib b`kull mezz ghall-attenzjoni ta` terzi l-fatt li huwa jkun qed jagixxi f`dik il-kapacità, il-mandatarju ma jkunx personalment responsabbli ghall-obbligazzjonijiet li jkunu saru hlief dwar u sal-limitu tal-proprjetà mizmuma minnu.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Frar 2001 fil-kawza "**Air Malta Company Ltd vs Richard Muscat et" inghad hekk :-**

*"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet* ***`Carmelo sive Charles Azzopardi et noe vs George Cauchi`*** *ntqal : `Li hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f`isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f`isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f`isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f`dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta` provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandhu jigi eskluz. (Troplong Mandato no.50)."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Francis Saviour Mifsud vs Maria Carmela Mifsud et**" inghad hekk :-

*"Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta` natura legali li jirrigwardaw il-kaz tal-lum, irid jinghad li minkejja li jista` jidher li dik tal-attur hija azzjoni ta` rivendika jew ta` accertament ta` titolu, huwa jishaq li fis-sewwa hija azzjoni mqarrba lejn il-kwestjoni tal-prestanom, li hija wkoll maghrufa bhala l-actio mandati directa. Azzjoni bhal dik titfisser u titwettaq taht l-istitut tal-kuntratt tal-mandat jew prokura. Bis-sahha ta`*

*kuntratt bhal dak, persuna tista` tahtar lil persuna ohra biex taghmel xi haga ghaliha (Art. 1856(1) tal-Kap 16), liema hatra tista` ssir b`kull mod li jkun imqar bil-fomm jew ukoll bla kliem ta` xejn (Art. 1857(2) tal-Kap 16), sakemm l-ghan ta` hatra bhal dik ikun haga lecita li min jaghmel il-hatra seta` jwettaq huwa wkoll (Art. 1857(1) tal-Kap 16). Illum il-gurnata, il-ligi taghna taghraf espressament qaghda bhal din u tirregola sewwa l-effetti taghha fil-qafas ta` obbligazzjonijiet fiducjarji (Art. 1871A tal-Kap 16) ;*

*Illi d-duttrina ilha tqis il-prestanome bhala mandatarju u haga wahda, l-izjed fir-relazzjonijiet bejnu u l-mandant (Baudry-Lacantinerie & Wahl Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile (Vol: XXIV, § 890, f`pag. 486). Kemm hu hekk, huwa biss f`ghajnejn it-terzi persuni li din ir-rapprezentanza ma tidherx (billi l-mandatarju ma jiddikjarax li qieghed jidher f`isem il-mandant tieghu) u ghalhekk tissejjah rapprezentanza indiretta ;*

*Illi l-ligi taghna taghraf u taghti sahha lil dik ic-cirkostanza fejn, minkejja dak li jipprovdi l-artikolu 999(1) tal-Kodici Civili – u ghaliex jipprevalu r-regoli specjali tal-kuntratt talmandat u aktar u aktar dawk dwar obbligazzjonijiet fiducjarji – persuna tidher fuq att pubbliku u tikseb gid taht isimha imma fl-interess ta` min ikun hatarha taghmel hekk (App. Civ. 2.5.1957 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Mamo noe vs Sant Fournier noe</u>** (Kollez. Vol: XLI.i.298)*

*Illi huwa stabilit li, biex jinghata mandat bhal dan, m`hemmx ghalfejn li jkun bil-miktub u l-ligi specjali li thares dan il-kuntratt dan tghidu car, b`mod li lanqas ma hija mehtiega l-kitba biex persuna tahtar lil persuna ohra biex tikseb gid immobbli f`isimha (App. Civ. 24.4.1931 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Galea et vs Gauci noe</u>** (Kollez. Vol: XXVIII.i.60); u P.A. 11.1.1950 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Rizzo Bamber noe et vs Rizzo noe et</u>** (Kollez. Vol: XXXIV.ii.430). Jehtieg, madankollu, li l-mandat ikun wiehed espress u mhux biss implicitu (App. Civ. 29.1.2010 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Victor Pisani vs Grazio Mizzi et</u>** ). Ladarba ma jkunx hemm il-kitba f`hatra bhal dik, jaqa` fuq min jallega l-mandat il-piz li jippruvah kif imiss, u din il- prova trid tkun tajba bizzejjed biex toqghod ghall-vot talgrad probatorju mistenni f`kawza ta` xejra civili (App. Civ. 26.6.2009 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Rosario Agius et vs Carmelo Agius et</u>**) ;*

*Illi l-effett tal-kisba ta` gid minn prestanome huwa dak li l- haga ssir tal-mandant minnufih u mhux malli ssir it-talba lill-mandatarju (App. Civ. 20.11.1953 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Farrugia vs Farrugia</u>** (Kollez. Vol: XXXVII.i.350). Ghalhekk jinghad li l-parti attrici f`azzjoni mandati directa lanqas ghandha bzonn*

*titlob li jithassar l-att li bih il-mandatarju jkun kiseb il-haga (P.A. PS 28.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet* ***Emanuel Frendo vs Carmelo Azzopardi et*** *(mhix appellata), ghaliex huwa bizzejjed li l-istess parti attrici turi li tassew kien hemm tali mandat u tghaddi biex titlob l-ezekuzzjoni specifika (P.A. TM 26.1.2007 fil-kawza fl-ismijiet* ***Maria Attard vs Filippa Abela*** *(mhix appellata). F`dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax toqghod fuq issottomissjonijiet maghmula mill-imharrek Stephen Mifsud li jridu li l-azzjoni attrici hija hazina ghaliex l-attur ma ghamilx talba ghat-thassir tal-kuntratt ta` bejgh ta` April 1974 ;*

*Illi l-azzjoni mandati directa tista` titressaq kemm millmandant kontra l-mandatarju jew il-werrieta tieghu u kemm ukoll mill-werrieta tal-mandant kontra l-istess mandatarju jew kontra l-werrieta tieghu. Dan jista` jsehh minkejja li l-mandat jintemm mal-mewt ta` xi wahda millpartijiet ghall-kuntratt. Izda minhabba li l-azzjoni mandati directa hija wahda personali, jidher li l-jedd tal-azzjoni jintilef jekk kemm-il darba l-haga miksuba mill-mandatarju tkun lahqet ghaddiet ghand terzi persuni ;*

*Illi huwa stabilit ukoll li l-azzjoni mandati directa tista` ssir fejn il-mandatarju prestanome ma jkunx kiseb il-gid kollu f`isem il-mandant tieghu u mqar jekk bicca mill-gid ikun kisbu ghalih proprio (Ara P.A. RCP 28.10.2003 fil-kawza fl-ismijiet* ***Norman Bezzina et vs Anthony Caruana et*** *(mhix appellata).”*

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Settembru 2012 fil-kawza “**Vincent Zammit et vs Joseph Micallef et**” il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri qalet hekk :-

*Fis-sistema legali taghna nsibu dak li jissejjah il-mandatarju prestanome. Infatti fil-kawza* ***Maria Calleja noe vs Paolo Deguara*** *(Qorti ta` l-Appell – 10 ta` Ottubru 1930, Vol XXVII.i.620) gie osservat :*
*“nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell`atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse”.*

*Fis-sentenza* ***Profs. Anthony J. Mamo noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe*** *(Qorti ta` l-Appell – 2 ta` Mejju 1957), dan l-istitut gie deskritt hekk :-*

*"Illi l-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f`din il-kwalita` ta` mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga mmobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Gharrigward tat-terzi jibqa` l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi talmandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u lhwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."*

*F`dik il-kawza kienet saret dikjarazzjoni bejn il-mandant u l-mandatarju li ghalkemm dan ta` l-ahhar deher f`ismu proprju fuq il-kuntratt huwa kien fil-fatt qed jidher ghad-ditta. L-ewwel Qorti kienet qalet illi :*

*""…. jista` wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta` haddiehor bis-sahha ta` mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop; liema mandat m`ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avvolja jkollu bhala effett tieghu l-akkwist ta` mmobbli. F`kaz bhal dan, il-fondi akkwistati mill-mandatarju jsiru tal-mandant minn dak il-mument stess tal-kuntratt, avvolja lmandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fondi f`ismu proprju, u fl-att ma jkun issemma` xejn li l-fondi kienu qeghdin jinxtraw fl-interess tal-mandant (Kollezz. Vol. XXXVII.I.350).*

----------- *omissis* -----------

*"Illi pero`, f`kaz bhal dan li ssemma`, il-prestanome li jkun gie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni ghall-formalita` ta` l-att pubbliku biex minnu jirrizulta di fronti ghat-terzi li dak l-akkwist, apparentement maghmul mill-mandatarju f`ismu proprju, kien fir-realta` gie maghmul ghall-mandant tieghu; u jekk il-mandatarju ma jottemperax ruhu ghal dan l-obbligu, huwa jista` jigi kostrett mill-mandant ghall-ezekuzzjoni specifika ta` dak lobbligu tieghu li jittrasferixxi lill-mandant il-fondi akkwistati f`ismu proprju (Vol.XXVIII-I-60; Vol. XXXVII-I-350)."*

*Illi dwar it-tieni att li sar bejn il-mandant u l-mandatarju fejn gie dikjarat li ghalkemm il-mandatarju fl-ewwel kuntratt hu kien qed*

*jidher in verita` ghad-ditta, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell iddecidiet li dan it-tieni att ghandu :-*

*"jigi kkunsidrat bhala att li jirrapprezenta assenjazzjoni; u difatti, l-att li bih wiehed jassenja hu att li bih wiehed jistabilixxi, jiddetermina u jattribwixxi. Issa, bit-tieni kuntratt il-partijiet riedu, u hekk ghamlu, jiddeterminaw u jiddimostraw illi l-proprjeta` mhix ta` l-Inginier Edwin England Sant Fournier, kif juri l-ewwel kuntratt, imma invece tad-ditta konvenuta; u lil din id-ditta, ghaldaqstant, dik il-proprjeta` giet moghtija bhala proprja – dak li jfisser giet lilha attribwita jew assenjata;*

*"Kif sewwa ssottometta l-konvenut nomine, il-kelma "assenjazzjoni" ma ghandhiex l-istess sinifikat bhal kelma "dikjarazzjoni"; izda dikjarazzjoni tista` tirrakkjudi assenjazzjoni, jekk dan ikun il-kontenut taghha; u meta b`dikjarazzjoni jigi dimostrat li proprjeta` mhix ta` wiehed ghaliex dan hu biss apparentement is-sid taghha, izda ta` iehor, il-kontenut ta` dik id-dikjarazzjoni jimporta assenjazzjoni ta` dik il-proprjeta` lis-sid veru taghha.*

*B`hekk, difatti, dan jakkwista t-titolu ghal dik il-proprjeta` quddiem kulhadd".*

*Dan l-insenjament gie kkwotat u applikat f`gurisprudenza llum assodata (**Victor Pisani vs Grazio Mizzi et**, App Civ Nru: 326/2001 deciza fid-29 ta` Jannar, 2010; **Salvatore Ellis et vs Richard Ellis et**, App Civ Nru: 115/2005 deciza fit-30 ta` Settembru, 2011).*

*…..*

*Illi hekk kif inghad mill-ewwel Qorti fis-sentenza **Judith Lucchesi noe et vs Rita Sultana pro et noe** (Cit Nru: 556/1991 deciza fit-18 ta` Mejju, 2001):*

*Jiktbu a propozitu Baudry-Lacantinarie u Wahl, fit-Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile:-*

*"Il prestanome non si distingue dal mandatario; infatti la dissimulazione della sua qualita` non ha luogo che di fronte ai terzi. Gli oggetti acquistati appartengono quindi al mandante" (Vol. XXIV, pag. 486, nro. 890). U inveru, d-dispozizzjoni kontenuta flart. 1042 (1) tal-Kodici Civili taghna, fis-sens li "hadd ma jista` b`kuntratt f`ismu jobbliga jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu", ghandha tigi kollegata mad-dispozizzjoni tal-ligi tal-*

*mandat, fis-sens li "meta l-mandatarju jkun agixxa flisem tieghu nnifsu, il-mandant m`ghandux azzjoni kontra dawk li maghhom ikun ikkuntratta, u lanqas dawn ma ghandhom azzjoni kontra l-mandant" (art. 1973 Kod. Cit.)"*

*11. Fin-nota spjegattiva li tintroduci s-sentenza riportata fil-Volum XXXVII-1-350, li hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta` Novembru 1953, fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Farrugia v. Guiseppe Farrugia**, jinghad hekk:*

*"Meta wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta` hadd iehor, u dan bis-sahha ta` mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan liskop, il-fond hekk akkwistat minn dak il-mandatarju jsir tal-mandant minn dak il-mument stess, avolja lmandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fond fl-isem tieghu proprju u fl-att ma jkun issemma` xejn li l-fond qieghed jinxtara fl-interess tal-mandant. Il-mandat moghti ghal dan l-iskop m`ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avolja ghandu bhala oggett tieghu l-akkwist ta` stabbili; ghax mandat simili ma jimplikax da parti tal-mandatarju li jittrasferixxi l-fond lill-mandant wara li huwa jkun akkwistah fl-interess tal-mandant u bis-sahha tal-mandat. U dak ilmandatarju jista` jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika ta` l-obligu tieghu li jittrasferixxi l-fond lill-mandant; u mhux ilkaz li jigi ritenut li l-mandatarju huwa inadempjenti, ghax akkwista l-fond f`ismu u mhux f`isem il-mandanti, u li ghalhekk huwa jista` jigi biss azzjonat ghad-danni, u mhux ukoll ghall-ezekuzzjoni specifika. U biex il-mandant jezigi gudizzjarjament din il-ezekuzzjoni specifika mhux mehtieg li huwa jimpunja l-att ta` l-akkwist; imma huwa bizzejjed li huwa jipprova li l-akkwirent tal-fond, meta deher fuq l-att ta` l-akkwist, kien qieghed jidher u jikkuntratta fl-interess tal-mandanti, ghalkemm ghamel kollox f`ismu proprju."*

*12. Dik il-Qorti effettivament irriteniet testwalment hekk f`pagna 358 u 359 loc. cit.:*

*"......fil-kaz in ezami ma jistax jigi li l-obligu tal-mandatarju kien jirrizolvi ruhu fi promessa ta` trasferiment ta` l-istabbili minnu akkwistati b`inkariku u fl-interess taghha;*

*Infatti mhux il-kaz li l-appellant jigi msejjah biex ibiegh jew jittrasferixxi lill-attrici dak li huwa akkwista f`ismu, imma li jirrikonoxxi li dak l-akkwist huwa ghamlu fl-interess ta` lattrici, in ezekuzzjoni tal-mandat minnha lilu konferit, ghalkemm dan ir-rikonoxximent ikollu jassumi l-forma ta` trasferiment minhabba n-necessita` ta` l-att pubbliku, li huwa rikjest ghat-titolu ta`*

*kwalunkwe proprjeta` ta` stabbili. Fi ftit kliem, l-attrici kienet fil-fatt l-originarja kumpratrici, ghalkemm fuq l-att tad-29 ta` Mejju 1940 deher biss l-appellant f`ismu. Jinghad ukoll li, kif gie kostantement deciz minn din il-Qorti, "nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altra persona non figurante sull`atto, ma avente diritto di avocare a se` quello che nel di lei interesse sia stato contrattato". Fis-sens talkonsiderazzjonijiet zvolti f`dan il-paragrafu ara sentenzi ta` din il-Qorti in re "**Galea vs. Gauci**", 24 ta` April, 1931, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, pag. 60; in re "**Debono vs. Debono**", 13 ta` Marzu 1953; in re **"Calleja vs. Deguara"**, 10 ta` Ottubru 1930, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, pag. 620; u in re **"Zammit vs. Debattista"**, 15 ta` Dicembru 1933:"*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta` Gunju 2013 fil-kawza "**Kim Catherine-Elizabeth Berglund Ellul vs George Grech**" saret referenza ghall-gurisprudenza dwar il-mandat *prestanome* riportata fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "**David Mifsud et vs Peter Axisa et**". Analizi simili tal-gurisprudenza saret ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza li tat fis-6 ta` Dicembru 2013 fil-kawza "**Dr Carmelo Galea noe vs Anthony Farrugia**".

**b) Il-provi**

**i) L-iskrittura Dok PB5**

L-iskrittura Dok PB5 saret fid-9 ta` Marzu 1990 u cioe` fi zmien meta ma kienx hemm dizgwid bejn il-konjugi Blasina. Huwa minnu li l-iskrittura hija biss kopja u mhux l-original. Irrizulta infatti li din kienet kopja mahruga bil-fax u lanqas ma hemm iffirmat xhud wiehed biex jidentifika l-identita` u l-firem tal-firmatarji. Madanakollu l-konvenuta ghajr illi talbet sabiex tara l-original u kkontestat il-firma taghha waqt id-deposizzjoni taghha ma hadet l-ebda passi sabiex tiskredita l-awtenticita` ta` l-iskrittura. Kellha kull mezz li taghmel dan billi tinsisti ghall-hatra ta` espert kaligrafiku sabiex jezamina l-firma fuq id-dokument u jaghmel il-konstatazzjonijiet tieghu. Eppure l-konvenuta ma ghamlet xejn sabiex tikkontesta b`mod sostanzjali l-iskrittura.

Din il-Qorti hija tal-fehma li meta tqis ic-cirkostanzi li kien ghaddej minnhom l-attur kien jaghmel hafna sens ghalih li jakkwista proprjeta` tramite l-konvenuta billi din tagixxi bhala *prestanome* tieghu. Irrizulta li l-

attur u l-konvenuta bdew ir-relazzjoni taghhom fl-1987. Dak iz-zmien l-attur kien ghaddej minn zmien difficli minhabba s-separazzjoni minn martu u diffikultajiet maz-zewg uliedu. Abbazi tal-provi jidher li l-attur kellu f`mohhu li kemm jista` jkun jahbi l-assi tieghu ; dan jirrizulta anke mill-formazzjoni ta` kumpanniji, u minn koperturi fiducjarji ohra. Ghalhekk din il-Qorti hija propensa li taccetta illi fil-verita` l-appartament inxtara mill-attur fiz-zmien difficli li segwa s-separazzjoni u d-divorzju mill-ewwel mara tieghu permezz ta` mandatarju *prestanome* li kienet il-konvenuta.

## ii) <u>Il-mammi ta` l-bank drafts</u>

Il-mammi tal-bank drafts huma ezebiti a fol 108.

Din il-Qorti hija konxja li dawn inhargu fuq isem l-attur. Ghalhekk huwa aktar difficli li jigi pruvat jekk il-flejjes gewx finalment iggirati fuq isem il-venditur Francesco Gargiulo, hekk kif qed jallega l-attur, biex dawn jithallsu ghall-appartament.

Din il-Qorti tara li effettivament il-mammi ta` l-bank drafts saru proprju fl-istess gurnata li sar il-kuntratt ta` akkwist ta` l-appartament. Dan huwa fatt indikattiv u sinjifikattiv. Din il-Qorti temmen li dawn il-flus verament gew utilizzati biex jithallas l-appartament, aktar u aktar meta tqis illi l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova sabiex tispjega l-mammi u l-fatt illi l-flus hargu fl-istess gurnata li sar il-kuntratt ta` akkwist.

## iii) <u>Nuqqas ta` introjtu</u>

Din il-Qorti ma tarax li l-allegazzjoni tal-attur illi l-konvenuta ma kellhiex introjtu gholi u ma kellhiex proprjetajiet ohra immobiljari tassisti l-istanza tieghu. Huwa minnu li kienu ezebiti dokumenti dwar id-dhul tal-konvenuta ghas-snin 1989 u 1990, izda kif tajjeb osserva l-perit legali dan ma jfissirx li l-konvenuta ma kellhiex patrimonju akbar u seta` kellha f`idejha flejjes provenjenti minn wirt jew li gew minn sorsi ohra.

## iv) <u>Ma kenitx spjegata l-provenjenza tal-flus ghall-akkwist</u>

Din il-Qorti qieset illi ghalkemm il-konvenuta fix-xiehda taghha stqarret illi kienet wirtet minghand missierha flus li kienu depozitati go kont l-Isvizzera, ma ressqet l-ebda prova biex issostni l-allegazzjoni taghha li l-appartament kien akkwistat bi flus taghha.

**c) Konkluzjoni**

**Tenut kont ta` l-premess, din il-Qorti ghandha c-certezza morali illi l-appartament de quo kien proprjeta` parafernali ta` Pietro Blasina, u li l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina agixxiet bhala mandatarja *prestanome* ta` l-istess Pietro Blasina.**

**d) Konteggi**

Stabbilit li l-appartament de quo kien proprjeta` ta` Pietro Blasina, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis x`inhu l-ammont li huwa dovut lill-attur in vista tal-fatt li l-appartament inbiegh fl-2003.

Kien prezentat il-kuntratt ta` l-bejgh a fol 275.

Skont dan il-kuntratt, Luisa Pedroni bieghet l-appartament ghall-prezz dikjarat ta` EUR 173,000.

In vista tal-email Dok PB9 a fol 115, l-attur insista li l-prezz li realment thallas kien ta` Liri Taljani 700,000,000.

L-attur ipprezenta wkoll diversi dokumenti inkluzi *faxes* relatati ma` n-negozjati dwar il-prezz, kif ukoll stejjem ta` periti dwar il-valur ta` l-proprjeta (ara : Dok PB6 a fol 110, Dok PB 7 a fol 111, Dok PB 8 a fol 112 u Dok PB 15 a fol 137).

Ipprezenta statement ta` kont tal-bank ta` Luisa Pedroni li juri depozitu ta` EUR 30,000 fil-15 ta` Mejju 2003 li jirreferi ghall-kappara (Dok PB 10), statement ta` kont tal-bank ta` Luisa Pedroni li juri d-depozitu tal-bqija tal-prezz ta` bejgh fl-ammont ta` EUR 319,000 (Dok PB12), u certifikati ta` investiment ghan-nom tal-konvenuta ta` EUR 270,000 li sar dakinhar tal-kuntratt ta` l-bejgh f` Lulju 2003 (Dok PB 13).

L-attur ghamel dan kollu sabiex jistabilixxi illi minkejja l-prezz dikjarat fil-kuntratt, fir-realta` l-prezz kien ferm akbar.

Minkejja dawn id-dokumenti, il-Qorti sejra toqghod fuq il-prezz dikjarat fil-kuntratt.

Ma tressqux provi li l-kuntratt qatt kien legalment ikkontestat.

Il-presunzjoni hija li l-kuntratt jirrispekkja r-realta` tal-fatti. Huwa l-att notarili li rregola l-bejgh tal-proprjeta` in kwistjoni. Jekk kien hemm xi prezz mohbi, dan sar bi skop ta` kawza llecita li din il-Qorti ma tista` qatt tikkondona. Madanakollu l-kuntratt huwa prezunt validu u jirrifletti l-kontenut tieghu. Ghalhekk fin-nuqqas ta` prova kuntrarja li dak il-kuntratt kien dikjarat null, il-Qorti sejra toqghod fuqu.

Fl-affidavit taghha, il-konvenuta stqarret li din il-proprjeta` kienet taghha izda mbaghad kompliet tghid li l-flus li gew mill-bejgh ta` din il-proprjeta` fl-2003 intuzaw ghal spejjez li kellu Pietro Blasina.

Il-konvenuta pprezenta sett dokumenti mmarkati bhala Dok LB9 a fol 279 sa fol 297 u sostniet li dawk huma lista ta` pagamenti ta` x`sar bil-EUR 173,000 (erronjament imnizzel fid-Dok LB9 a fol 279 bhala EUR 137,000) li kien il-prezz tal-bejgh.

Il-Qorti rat il-lista a fol 279 u 280.

Rat ukoll ir-ricevuti li kienu ezebiti.

Il-Qorti tinnota li uhud mill-entrati a fol 279 u 280 ma gewx korraborati b` dokumenti jew ricevuti ; ghalhekk sejrin jigu skartati.

Il-Qorti rat li kien hemm xi ricevuti ta` hlasijiet illi saru minn fondi intestati fuq Luisa Pedroni ghal flus dovuti minn Blaschem. Tajjeb jinghad illi Blaschem kienet tappartjeni lil Pietro Blasina, lil SCI Tower 98 u lil Bruno Romano. Ghalkemm ma jistax jigi ndikat bi precizjoni illi kienu proprju dawn il-flus li gew mill-bejgh tal-appartament ta` Sesto San Giovanni li ntuzaw biex thallsu dawk l-ammonti ta` Blaschem, fl-istess waqt il-Qorti tinsab konvinta li tenut kont li dawn il-hlasijiet saru matul is-sena ta` wara li sari l-bejgh tal-appartament, kienu verament hlasijiet intizi ghall-beneficcju ta` Pietro Blasina fost ohrajn.

Huwa minnu wkoll li fi Blaschem, Pietror Blasina personalment kien azzjonista minoritarju peress li l-maggoranza ta` l-ishma kienu ghand Romano u SCI Tower 98. Madanakollu l-Qorti tqis illi l-flus li ghaddew favur Blaschem jitnaqqsu mill-ammont li ghandha taghti lura l-konvenuta lill-atturi. Dawn il-flejjes inghataw fuq struzzjonijiet ta` Pietro Blasina ; li kieku dan ma kienx hekk, Luisa Pedroni ma kinitx taghmel pagamenti a favur ta` Blaschem.

Il-Qorti tinnota li kienu saru dawn il-hlasijiet favur Blaschem –

i) EUR 25,000 fl-20 ta` Frar 2004 (fol 883).
Fid-dokument, hemm timbru tal-bank li jikkonferma li rcieva dawk l-istruzzjonijiet ;

ii) EUR 15,000 fis-6 ta` Awissu 2004 a fol 287.
Dan huwa dokument tal-bank.
Il-konvenuta tghid illi kien hemm pagament iehor ta` EUR 15,000 li sar fit-3 ta` Awissu 2004 a fol 284 izda fuq dan id-dokument li huwa fax li allegatament intbaghat, ma hemm xejn fuqu li jindika li l-bank ircevieh u mexa fuq dawk l-istruzzjonijiet.
Din il-Qorti hija konvinta li jekk dan intbaghat, dan kien l-istess wiehed li ntbaghtu struzzjonijiet dwaru a fol 284 tal-process.
Din il-Qorti tara li anke id-dokument a fol 288 jirreferi ghall-istess transazzjoni li sehhet a fol 287 li jgib l-istess data tas-6 ta` Awissu 2008 u jirrigwarda l-istess ammont ta` EUR 15,000.

iii) EUR 15,000 fit-22 ta` April 2004 a fol 289.

iv) EUR 2,710.40c li sar a favur ta` O.N.T Spa (fol 292 u 293).
Din kienet keditur ta` Blaschem hekk kif jirrizulta mill-email ezebit a fol 295 mibghut lil Blaschem.

Dwar l-ircevuti l-ohra ezebiti a fol 281, 290, 291, 292, 296, u 297, ma hemmx fuqhom indikati li l-pagamenti kienu relatati ma` Blaschem ; il-Qorti sejra tiskartahom. Kien jinkombi fuq il-konvenuta li tressaq provi li dawn il-pagamenti kienu b` xi mod relatati ma` spejjez parafernali ta` l-attur jew ta` xi kumpanija li taghha kien azzjonista.

**Ghaldaqstant mill-ammont ta` EUR 173,000 li kien ir-rikavat tal-bejgh tal-appartament ta` Sesto San Giovanni, ghandha tonqos is-somma komplessiva ta` EUR 57,710.40 (i.e. EUR 25,000 + EUR 15,000 + EUR 15,000 + EUR 2,710.40) sabiex b`hekk Luisa Pedroni Blasina**

**ghandha taghti lill-atturi eredi ta` Pietro Blasina s-somma ta` <u>EUR 115,289.60</u>.**

**2. <u>L-ishma tal-Banca Popolare di Trieste</u>**

**Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, l-atturi rrinunzjaw ghal kull pretiza fir-rigward ta` dawn l-ishma, peress li ma rnexxilhomx iressqu provi dwar l-istess. Ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni ghal din il-pretensjoni.**

**3. <u>EUR 41,316 allegatament mislufa ghal *refurbishment* ta` proprjeta` parafernali tal-konvenuta</u>**

Il-provi attrici kienu :-

i) In-nuqqas ta` introjtu tal-konvenuta.

ii) L-awtorizzazzjoni lill-konvenuta sabiex tigbed $20,000 minn kont tal-bank ta` l-attur.

iii) Kont mal-Banque du Gothard denominat *Happy Hour* minn fejn jirrizulta li saru diversi *bank transfers* favur Luisa Pedroni Blasina.

**<u>Dwar l-izbank ta` $20,000</u>**, il-Qorti taqbel illi l-istruzzjonijiet saru xhur qabel kien iffirmat il-kuntratt ta` appalt tax-xogholijiet. Infatti l-istruzzjonijiet inghataw fit-2 ta` Dicembru 2002 (fol 162) mentri l-kuntratt ta` appalt sar fit-2 ta` Awissu 2003 (fol 182 et seq). Il-Qorti taqbel mal-perit legali li fin-nuqqas ta` provi ulterjuri u addizzjonali, ma jistax jigi kkunsidrat li kien hemm ness bejn dawn il-flus u l-kuntratt ta` appalt.

**<u>Dwar il-kont mal-Banque du Gothard</u>**, jidher li l-isem *Happy Hour* kien l-intestatura tal-kont,kuntrarjament ghal dak sottomess mill-perit legali. Jidher izda li mill-istatement ta` l-kont ezebit bhala Dok PB21, il-*bank transfers* sottolinjati mill-attur, saru fir-rigward ta` Luisa Pedroni. Ma hemm l-ebda prova li tindika li dawn it-trasferimenti saru sabiex jithallsu xi spejjez parafernali ta` Luisa Pedroni. Addirittura hafna mill-entrati sottolinjati sehhew qabel mal-kuntratt ta` appalt kien iffirmat.

**Il-Qorti tghid illi m`ghandhiex provi sodisfacjenti li b`xi mod jistghu inisslu fiha l-konvinciment morali illi tabilhaqq l-attur**

**ittrasferixxa s-somma ta` EUR 41,316 ghall-finanzjament ta` benefikati li saru fil-fondi parafernali ta` Luisa Pedroni Blasina.**

## 4. Bilanc mill-bejgh ta` Blaschem (Malta) Limited

Saret l-osservazzjoni illi in vista tal-premessi tal-kawza, u cioe` illi l-kawza hija dwar flejjes li l-konvenuta hadet jew ma tatx lura, il-Qorti ma ghandhiex tidhol fil-kwistjoni ta` flus li gew investiti fil-kumpannija Xini Holdings Limited. Jidher li hemm qbil li parti mir-rikavat tal-bejgh ta` Blaschem (Malta) Limited mar fil-kumpannija Xini Holdings Limited u ntuza bil-kunsens ta` Pietro Blasina sabiex kienet akkwistata id-dar ta` Marsaxlokk.

Il-Qorti taqbel li mhijiex tkun mitluba taqsam l-eredita` ta` Pietro Blasina u tillikwida l-assi tal-komunjoni ta` l-akkwisti u l-assi parafernali tal-konjugi Blasina. Dak li intalbet taghmel fil-kawza tal-lum huwa li tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi lil Pietro Blasina u lil SCI Tower 98 flus li - skont l-atturi – misapproprijati. It-talba ma saritx ghal flus li gew investiti bi qbil ma` l-attur. Dak li qed jintalab hu li Luisa Pedroni tigi dikjarata li ghandha fil-pussess taghha diversi somom ta` flus appartenenti lil zewgha u lis-socjeta` SCI Tower 98 u li hija investiet parti minn tali flejjes fis-socjeta` Tokk Limited. Il-Qorti ghalhekk ser tillimita ruhha biss ghat-talbiet kif dedotti. Jibqa` rizervat il-gudizzju dwar dawk il-flus provenjenti mill-bejgh ta` Blaschem (Malta) Limited u li kienu nvestiti bil-kunsens ta` Pietro Blasina, liema flus investiti kienu appartenenti lil SCI Tower 98.

Da parti tal-konvenuti, kien hemm kontestazzjoni qawwija dwar jekk effettivament kienx hemm dritt li jintalbu flejjes allegatament appartenenti lil SCI Tower 98.

Il-konvenuti jsostnu illi l-kumpannija attrici ma ghandhiex pretensjonijiet fejn jidhol Pietro Blasina izda biss fejn il-flus intuzaw mill-konvenuta. Sar l-argument illi jekk SCI Tower 98 ghandha bi hsiebha li tfittex ghal dak l-ammont li Pietro Blasina ma tahiex, kellha tfittex lilu u tigi kanonizzata kreditrici tieghu qabel setghet ddur fuq il-konvenuta. Inghad illi mkien ma jirrizulta li SCI Tower 98 awtorizzat lil Pietro Blasina sabiex jittrasferixxi parti mir-rikavat tal-bejgh ta` Blaschem (Malta) Limited dovuti lil SCI Tower 98 fil-kont personali. Skont il-konvenuta, kellha qabel xejn tintalab dikjarazzjoni fis-sens li Pietro Blasina huwa debitur taghha, imbaghad tintalab dikjarazzjoni fis-sens li Luisa Pedroni Blasina hija debitrici ta` Pietro Blasina.

Il-konvenuti jaghmlu kritika safejn kienet trattata din il-kwistjoni fir-relazzjoni peritali. Ighidu li minkejja li l-perit legali sahaq fuq il-personalita` guridika distinta tas-socjeta` attrici ma applikax l-istess ragunament fil-konfront ta` Pietro Blasina li kien biss azzjonist u li ukoll ghamel uzu mill-flus tas-socjeta` attrici ghal skopijiet personali. Skont il-konvenuti, kien Pietro Blasina li unilateralment ha d-decizjoni li ma jhallix ir-rikavat mill-bejgh ta` Blaschem (Malta) Limited jigi trasferit fil-kont bankarju tas-socjeta` attrici izda li jigi depozitat fil-kont personali tal-konvenuta. Ghalhekk is-socjeta` attrici kellha ddur kontra Pietro Blasina, u semmai mbaghad tipprova li l-konvenuta hija debitrici taghha.

L-argument tal-konvenuti ma jistax jintlaqa` favorevolment mill-Qorti.

Qed jinghad dan ghaliex hekk kif kienet impostata din il-kawza, ma hemmx lmenti jew oggezzjonijiet ghall-fatt illi l-flejjes ta` Pietro Blasina u ta` SCI Tower 98 jitpoggew go kont personali intestat fuq Luisa Pedroni Blasina. Il-kwistjoni hija illi dawn il-flejjes, li l-konvenuta kienet taf li kienu ta` SCI Tower 98, ma nghatax rendikont taghhom, meta saret it-talba, u ghalhekk, dawk il-flejjes kienu allegatament mizapproprjati minn Luisa Pedroni Blasina. Fil-kawza tal-lum, SCI Tower 98 ghazlet illi tfittex direttament lil Luisa Pedroni Blasina stante li allegatament kienet hi li meta nqala` d-dizgwid ma` zewgha , baqghet izzomm ghandha dawk il-flejjes minkejja li kienet taf li kienu jappartjenu lil SCI Tower 98. Fil-kawza ma sar l-ebda lment kontra Pietro Blasina ghaliex parti mill-flus dovuti lis-socjeta` attrici ntuzaw ghal Xini Holdings Limited jew ghaliex ta permess illi l-flejjes jigu depozitati fil-kont personali tal-konvenuta. Il-kwistjoni qamet minhabba mizapproprjazzjoni u nuqqas ta` ghoti ta` rendikont mill-konvenuta meta giet hekk mitluba.

Ghalhekk il-Qorti tghid illi kien tajjeb illi l-kawza saret kontra l-konvenuta.

Il-konvenuta taghmel ukoll l-argument illi SCI Tower 98 u Pietro Blasina qatt ma ssoggettaw it-trasferiment in kwistjoni ghal xi forma ta` kondizzjoni sospensiva fis-sens li l-ammont intier jew xi bilanc minnu kellu jigi ritornat lill-kumpannija wara xi zmien. Ghalhekk ladarba ma kienx hemm kondizzjoni, il-konvenuta ma taaccettax li dawk il-flus kellhom jigu ritornati lil SCI Tower 98. Sar ukoll l-argument illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma opponiet li dawn il-flus jitpoggew fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Pietro Blasina u Luisa Pedroni Blasina go Malta. Ghalhekk dawk il-flus dahlu fil-komunjoni ta` l-akkwisti tal-konjugi Blasina bir-rieda ta` Pietro Blasina u indirettament tas-socjeta` rikorrenti stess. Il-komunjoni ta` l-akkwisti baqghet fis-sehh sal-mewt ta` l-attur. Skont il-konvenuta ghalhekk

semmai hija tista` biss tigi kkundannat thallas is-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti lis-socjeta` rikorrenti.

Il-Qorti tqis li dan l-argument huwa fallaci ghall-ahhar.

Il-fatt li kien deciz mir-rapprezentanti ta` dak iz-zmien ta` SCI Tower 98 illi l-fondi jitpoggew fil-kont personali tal-konvenuta li kienet wahda mill-azzjonisti ma jfissirx b`daqshekk illi dawk il-fondi saru *ipso facto* propjeta` tal-konvenuta jew tal-attur jew proprjeta` tal-komunjoni ta` l-akkwisti tal-konjugi Blasina gewwa Malta.

Ghar-ragunijiet taghhom, il-konjugi Blasina kienu qablu li l-flejjes jitpoggew fl-imsemmi kont. L-uzu li sar mill-flejjes fejn il-konvenuta hallset kredituri ta` SCI Tower 98 juri kemm fil-fatt l-intiza kienet dejjem li dawk il-flus huma ta` SCI Tower 98. Il-flus baqghu jappartjenu lil SCI Tower 98 u hija din il-kumpanija biss li ghandha dritt fuqhom.

Gara illi l-kumpannija attrici ddecidiet li tiehu hsieb ta` l-interessi taghha fir-rigward tal-flus li baqghu fil-pussess tal-konvenuta wara li din intalbet rendikont li ma nghatax.

Ma tistax tkun eskluza *a priori* azzjoni mill-kumpannija attrici ghal dawk il-flus li ntuzaw bil-kunsens tal-konjugi Blasina ghal ghanijiet li ma kinux relatati mal-operat taghha.

Sar l-argument illi l-perit legali qies il-flus li ntefqu ghal Pietro Blasina personalment jew ghall-konjugi flimkien bhala beni tal-komunjoni ta` l-akkwisti jew bhala beni parafernali ta` Pietro Blasina u mhux bhala proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti ghaliex li kieku kien jikkonkludi li l-ammont intier kellu jigi rifuz miz-zewg konjugi lis-socjeta` rikorrenti.

Il-konvenuta taghmel l-argument illi jekk tali somom depozitati fil-kont personali tal-konvenuti kellhom jigu kkunsidrati bhala beni parafernali ta` Pietro Blasina, kellu japplika l-Art 1336 tal-Kap 16 u ghalhekk il-konvenuta qatt ma kellha taghti kont ta` dawk il-flus jew taghmel rifuzjoni, billi hija gawdiet dawn il-beni bl-awtorita`, minghajr oppozizzjoni, u minghajr il-kondizzjoni espressa li taghti kont tal-utili. Sar l-argument illi ma jkunx sewwa illi wara li l-konvenuta dejjem kellha l-awtorizzazzjoni jew wara li qatt ma kien hemm oppozizzjoni li hija tuza dawk il-flus, issa tintalab li tirrifondihom.

Ghal darb` ohra, jigi ribadit kif diga` nghad, illi dawk il-flus - minkejja fejn tpoggew - qatt ma setghu jigu kkunsidrati bhala proprjeta` tal-beneficjarji tas-socjeta` rikorrenti. Dawk il-flus baqghu proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti. Il-premessi ta` l-kawza huma cari fis-sens li jirrigwardaw mizapproprjazzjoni ta` fondi appartenenti lis-socjeta` rikorrenti izda li kienu qed jigu gestiti mill-konvenuta. Il-konvenuta kienet obbligata li malli ssirilha talba, taghti rendikont tal-flejjes appartenenti lis-socjeta` attrici, peress li ghalkemm kienet *minority shareholder* waqt li zewgha kien *majority shareholder* dak ma kienx ifisser illi dawk il-fondi kienu ser jghaddu direttament ghand l-azzjonisti bhala *dividends* jew taht xi forma ohra. Dawk il-flus kienu, baqghu u jibqghu tas-socjeta` rikorrenti, u ladarba fil-kawza qed jintalab li jithallsu dawk il-flus li kienu baqghu ghand Luisa Pedroni Blasina, it-talba setghet issir mis-socjeta` rikorrenti.

**5. <u>Likwidazzjoni</u>**

Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi ghal-likwidazzjoni ta` dak dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici.

**i) <u>L-ammont totali</u>**

Il-partijiet qablu mal-onteggi tal-perit legali, fis-sens li mill-bejgh ta` Blaschem (Malta) Limited, is-socjeta` attrici kellha tircievi EUR 1,075,891.80. Din il-figura dahlet fil-kontijiet personali tal-konvenuta, wara li sar pagament direttament lil Profs Ian Refalo ta` EUR 108,000.

**ii) <u>Tnaqqis</u>**

**a) <u>Ammonti dovuti lil Romano / Blaschem / Old Pharma</u>**

Mit-total ghandhom jonqsu : EUR 189,352.07 ta` Bruno Romano (Dok ANA3 fol 545) ; EUR 18,934.92 ta` Blaschem ; u EUR 24,650.00 indikata bhala Old Pharma.

**b) <u>Trasferiment lil Xini Holdings Limited</u>**

Il-Qorti ma taqbilx li ghandha titnaqqas is-somma ta` EUR 381,619 li kienet allegatament trasferita lil Xini Holdings Limited, peress illi kif irrileva

l-perit legali, mill-kontijiet bankarji jirrizulta li kienet trasferita s-somma ta` EUR 372,653.87.

Il-perit legali mexa fuq ix-xiehda ta` Av. Antoine Naudi fis-sens li l-ammont trasferit kien ta` EUR 381,619. Dwar dan saret il-prova tan-*notes to the financial statement 31 December 2008* ta` Xini Holdings Limited a fol 547 fejn jinghad illi kien hemm *tangible fixed assets* ta' *land and buildings* fl-ammont ta' EUR 247,107, *improvements to premises* fis-somma ta` EUR 108,351 u EUR 26,161, li b`kollox jghoddu ghall-ammont ta` EUR 381,619.

Ghalkemm ma tressqux provi fir-rigward biex tigi sostanzjata l-attendibilita` ta` dawk l-ammonti, il-Qorti tqis li dawn il-kalkoli huma prova bizzejjed fiha nnfisha li l-ammont li kien investit f`Xini Holdings Limited kien ta` EUR 381,619.

**c) <u>Is-somma ta` EUR 150,000</u>**

Il-perit legali naqqas ukoll mill-flejjes dovuti lil SCI Tower 98 is-somma ta` EUR 150,000, li abbazi tax-xiehda ta` Av. Antoine Naudi thallset lil Comind/Scottini.

Tenut kont tal-entita` tal-ammont li qed jinghad illi thallas, il-Qorti kienet tistenna li tingieb l-ahjar prova tal-hlas - kif trid il-ligi - u cioe` prova dokumentarja, mhux illi l-perit legali joqghod biss fuq ix-xiehda ta` Av. Naudi.

Ghalhekk ma taqbilx mal-perit legali li kellha titnaqqas is-somma ta` EUR 150,000.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' l-argumenti tal-atturi a fol 1112 tal-process, u rat is-sentenzi ezebiti man-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi a fol 1119 sa fol 1131, izda ma tarax li ghandha tidhol fl-analizi partikolari ta` dawn, in vista ta` dak li qalet aktar kmieni.

**d) <u>Is-somma ta` EUR 99,097.41</u>**

Il-perit legali naqqas is-somma ta` EUR 99,097.41 rapprezentanti trasferimenti indikati fl-Anness I li saru mill-kont bankarju ta` Luisa

Pedroni Blasina ghal kontijiet bankarji fl-ismijiet kongunti ta` Pietro u Luisa Pedroni Blasina u li jirrizultaw li kienu qeghdin jigu utilizzati *inter alia* ghall-bzonnijiet ta` kuljum taghhom. Dwar dawn l-ammonti, assolutament ma hemmx qbil bejn il-partijiet ; min-naha tal-aturi, hemm kontestazzjoni li dak l-ammont kellu jkun ferm anqas waqt li min-naha tal-konvenuti jinghad illi l-ammont kellu jkun ferm aktar gholi.

Il-perit legali wasal ghall-ammont ta` EUR 99,097.41c billi ghadd l-entrati bl-ismijiet "Trasferimenti lil Pietro & Luisa Blasina" ammontanti ghal EUR 4,733.73 ; "Trasferiment Ghal Kont Bankarju numru 12302386012" ammontanti ghal EUR 66,181.05c ; u "Trasferimenti Ohra" ammontanti ghal EUR 28,182.63c filwaqt li rrelatahom mad-dokumenti immarkati bhala Dok LB9(9), LB 11(2), LB (3); LB (4); LB (5), LB (7), LB (8), LB (9), LB (11), LB (13), u LB (18).

Da parti taghhom, l-atturi ghamlu l-argument illi minhabba nuqqas ta` provi dettaljati u korraborati b`ricevuti ta` spejjez li saru, il-perit legali kellu biss jasal ghall-ammont ta` EUR 2,927.45c bhala trasferimenti li saru fil-kont kongunt u li ntuzaw ghall-bzonnijiet ta` kuljum – peress li dak kien hlas ghal polza ta` assigurazzjoni ta` sahha a favur Pietro Blasina. Il-konvenuta min-naha l-ohra insistiet li t-trasferimenti kollha li saru ghal gol-kont kongunt kif ukoll il-pagamenti kollha li saru minn kontijiet personali taghha wara li gew depozitati l-ammonti appartenenti lil SC Tower 98 kellhom jitnaqqsu kollha, peress li dawn ilkoll kienu pagamenti effettwati waqt li l-konjugi kienu jirrisjedu taht l-istess saqaf u ntefqu ghall-gid u beneficcju tat-tnejn.

Din il-Qorti rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Taqbel mal-atturi illi l-bicca l-kbira tad-dokumenti mhumiex korroborati b`ricevuti. Infatti hemm diversi li huma biss trasferimenti minghajr l-ebda dettalji. Madanakollu, din il-kawza hija kawza ta` mizappropriazzjoni ta` flejjes minn Luisa Pedroni Blasina. Ghal din il-Qorti, il-fatt li saru trasferimenti minn kontijiet personali ta` Luisa Pedroni Blasina ghal gol-kontijiet kongunti, ifisser li tali trasferimenti ma baqghux fil-pussess u kontroll assolut ta` Luisa Pedroni Blasina u ghalhekk, ma jistax isir l-argument li fir-rigward tat-trasferimenti li saru minnha ghal gol-kont kongunt tal-konjugi Blasina, dawn kienu flejjes li gew mizapproprjati minnha. Ladarba, kien hemm depoziti li saru mill-kontijiet personali ta` Luisa Pedroni Blasina ghal gol-kont kongunt tal-konjugi, din il-Qorti sejra tqis - bhalma ghamel il-perit legali – illi tali trasferimenti ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lil SCI Tower 98 stante li dawn it-trasferimenti saru ghall-beneficcju ta` Pietro Blasina wkoll.

Kif diga` nghad, fl-eventwalita` illi SCI Tower 98 tiddeciedi li trid tiehu azzjoni anke fir-rigward ta` dawk il-flejjes taghha li gew utilizzati mill-konjugi Blasina ossija kemm dawk il-flus li tpoggew fil-kont kongunt u ntefqu, kif ukoll dawk il-flus li ntuzaw minn Xini Holdings Limited ghall-akkwist tad-dar ta` Marsaxlokk, dan ghandu jsir b`azzjoni ohra, mhux din tal-lum. Il-Qorti tishaq illi fil-kaz tal-lum, il-parametri tal-kawza huma biss l-allegata mizappropriazzjoni tal-konvenuta Pedroni Blasina. L-attur ma ressaqx provi fis-sens li l-flus li gew depozitati fil-kont kongunt ma gewx utilizzati ghall-beneficcju tieghu wkoll jew li l-flus li gew hemm depozitati kienu amministrati minn Luisa Pedroni Blasina ad insaputa tieghu. Ladarba l-kont kien kongunt, ghandu jigu prezunt illi z-zewg konjugi kienu jamministraw u jaghmlu uzu tal-kont ghall-bzonnijiet taghhom.

Il-Qorti ma tarax li ghandha taccetta l-argument tal-konvenuta illi ghandhom jitnaqqsu wkoll l-ammonti li thallsu minn kontijiet personali taghha wara li gew depozitati l-flus ta` SCI Tower 98, peress illi ghalkemm huwa minnu li l-hlasijiet elenkati a fol 1156 u 1157 tal-process sehhew meta l-konjugi Blasina kienu ghadhom jirrisjedu flimkien, il-fatt jibqa` li t-transazzjonijet li sehhew mill-kontijiet personali tal-konvenuta ma gewx korraborati bi provi dokumentarji li juru li verament dawk il-flejjes kienu qed jintuzaw ghall-beneficcju taz-zewg konjugi. Dawn il-flejjes baqghu fil-kontijiet personali tal-konvenuta u minnhom hija ghamlet diversi hlasijiet li mhumiex spjegati. Bhala ezempju, il-Qorti ma tistax tipprezumi ghall-beneficcju ta` min saru dawn il-pagamenti u min mar jiekol fir-ristorant *Blue Elephant* fit-28 ta` April 2008, min mar jiekol il-*Paranga Restaurant* fit-13 ta` Settembru 2008 jew min mar il-*Casino di Venezia* fil-31 ta` Lulju 2008. Kien jinkombi fuq il-konvenuta li taghti prova li n-nefqa minn flus ta` SCI Tower 98, u li kienu fil-kontijiet personali taghha, kienu ghall-beneficcju taghha u ta` zewgha.

Il-Qorti tqis illi ladarba l-konvenuta hadet ir-responsabilita` li taccetta li flejjes ta` SCI Tower 98 jitpoggew fil-kontijiet personali taghha, kellha l-obbligu li zzomm rendikont tajjeb, korrett u dettaljat ta` kif dawk il-flus kienu qed jintefqu. Mhuwiex argument fondat meta jinghad illi ladarba l-konvenuta kienet ghadha mizzewwga ma` Pietro Blasina, u kienet ghadha tirrisjedi mieghu, *ergo* kwalunkwe infieq li sar mill-kontijiet personali taghha kien ghall-beneficcju tat-tnejn. Xorta wahda kienet obbligata zzomm il-kontijiet *in ordine* u tkun lesta taghti rendikont korrett, anke sabiex b`hekk twarrab kull xilja ta` mizappropriazzjoni ta` fondi kontra taghha - kif sar fil-kawza tal-lum.

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali illi dawk it-trasferimenti elenkati bhala "*trasferimenti mhux identifikati*" ma kellhomx jigu mnaqqsa mill-bilanc dovut lil SCI Tower 98 mill-konvenuta. Fin-nota ta`

sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta terga` tipprova tispjega f`hiex kienu jikkonsistu uhud minn dawn it-"*trasferimenti mhux identifikati*" u terga` taghmel referenza ghal provi godda li gew sfilzati permezz ta` digriet tal-5 ta` Novembru 2015.

Din il-Qorti diga` qalet kjarament illi dawn il-provi kellhom jitressqu fl-istadju tal-gbir tal-provi.

Ghalhekk l-argument tal-konvenuta qed jigi skartat.

Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti sejra tqis il-konteggi li saru mill-mill-perit legali fejn dan finalment wasal ghall-ammont ta` EUR 99,097.41 bhala s-somma li kellha titnaqqas minn dak li l-konvenuta kellha thallas lil SCI Tower 98. Din is-somma ta` EUR 99,097.41c giet komputata biz-zieda tal-entrati bl-ismijiet "*Trasferimenti lil Pietro & Luisa Blasina*" ammontanti ghal EUR 4,733.73c ; "*Trasferiment Ghal Kont Bankarju numru 12302386012*" ammontanti ghal EUR 66,181.05c ; u "*Trasferimenti Ohra*" ammontanti ghal EUR 28,182.63c

**i) <u>L-entrata : "*Trasferimenti lil Pietro & Luisa Blasina*" fl-ammont ta` EUR 4,733.73c</u>**

L-atturi jikkontestaw it-tabella tal-perit legali : *Trasferimenti lil Pietro & Luisa Blasina.* Fit-tabella tissemma l-figura ta` EUR 4,733.73, liema figura jirrizulta li giet rifuza mill-konvenuta peress li giet trasferita mill-kont taghha personali ghal fuq il-kont kongunt tal-partijiet.

Skont l-atturi, dik is-somma rega` kienet zbankata mill-konvenuta mill-kont kongunt skont Dok LB11 (2) a fol 300.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta` l-atturi ghax hija nfondata.

Minn ezami tad-dokument a fol 300 jidher li fl-14 ta` Dicembru 2005 sar trasferiment ta` Lm 2000 (ekwivalenti ghal EUR 4733.73) mill-kont personali tal-konvenuta bin-numru 40014646287 ghal gol-kont kongunt hekk kif jirrizulta mid-dokument a fol 585.

**ii) <u>L-entrata : "*Trasferiment Ghal Kont Bankarju numru 12302386012* fl-ammont ta` EUR 66,181.05c</u>**

Il-perit legali qies illi t-trasferimenti kollha li kienu effettwati minn kont personali tal-konvenuta bin-numru 40014646287 ghal gol-kont kongunt tal-partijiet bin-numru 12302386012 ghandhom jitnaqqsu mill-bilanc dovut mill-konvenuta lis-socjeta` rikorrenti SCI Tower 98.

Il-konvenuta ssostni li l-perit legali ma hax in konsiderazzjoni d-depoziti kollha li saru fil-kont kongunt tal-konjugi Blasina mill-kont personali tal-konvenuta bin-numru 40014646287.

Jidher li fit-tabella a fol 491 intitolata "*Trasferimenti ghal Kont Bankarju numru 12302386012*", il-perit legali wasal ghal total ta` EUR 66,181.05c.

Tajjeb osservat il-konvenuta illi fit-tabella a fol 1155, il-perit legali naqas li jinkludi (1) trasferiment li sar fl-1 ta` Novembru 2006 fl-ammont ta` EUR 4,970.41 (fol 813 u fol 600) ; u (2) trasferiment li sar fl-4 ta` Frar 2008 fl-ammont ta` EUR 3,000 (fol 819 u fol 617).

Din il-Qorti ma taqbilx izda mal-konvenuta li ghandha tqis it-trasferiment li sar fit-28 ta` Gunju 2007 fl-ammont ta` EUR 4,733.73, peress li ghalkemm minn fol 608 jirrizulta li f`dik id-data sar depozitu ta` dak l-ammont fil-kont kongunt, a fol 816 li huwa l-istatement tal-kont bin-numru 40014646287, ma hemm l-ebda entrata f`dik id-data tat-28 ta` Gunju 2007 li fiha ngbidet dik is-somma.

Il-konvenuta tghid illi l-perit legali lanqas ma qies ammonti ohra li gew depozitati minn kontijiet personali ohra tal-konvenuta ghal gol-kont kongunt.

Tghid il-konvenuta illi wara li sar depozitu ta` EUR 108,934 f`kont iehor personali minn taghha bin-nru 40016942549 (hekk kif jaccetta li sehh il-perit legali fil-pag 19 tar-rapport tieghu), saru trasferimenti ghal gol-kont kongunt bin-nru 1202386012 u dana fl-ammont ta` EUR 19,000.

Il-Qorti rat it-tabella a fol 1154, id-dokumenti a fol 802 sa 804 kif ukoll id-dokumenti a fol 621 sa fol 629.

Minn ezami ta` dawn l-atti, jidher li tassew mill-kont 40016942549 saru depoziti fil-kont kongunt 12302386012 fid-dati ndikati hlief fid-data tat-13 ta` Gunju 2008. F`dik id-data jirrizulta minn fol 803 illi sar *withdrawal* mill-kont 40016942549 ta` EUR 3,000 izda a fol 623 jidher li sar depozitu ta` EUR 1000 fil-kont kongunt izda ma hemmx indikat minn fejn gew dawn il-flus. Stante li l-ammonti ma jaqblux, il-Qorti m`ghandhiex prova sodisfacjenti illi parti mill-flus li ngibdu mill-kont personali tal-konvenuta effettivament kienu depozitati fil-kont kongunt. Barra minn hekk fid-dokument a fol 803, lanqas ma hemm notament bil-lapes (bhalma hemm fir-rigward ta` l-entrati l-ohra) ir-referenza ghall-ahhar erba` numri tal-kont kongunt (ossija n-numri 6012). Dan ikompli jindika kemm dan il-*withdrawal* ma kienx effettivament depozitat fil-kont kongunt.

Ghalhekk ghandha tittiehed in konsiderazzjoni s-somma ta` EUR 18,000 bhala li kienet depozitata fil-kont kongunt tal-konjugi Blasina.

Il-konvenuta tirreferi wkoll ghal trasferiment li sar minn kont iehor personali taghha bin-nru 40014992106 ghall-kont kongunt bin-nru 12302386012 fis-somma ta `EUR 7,000. Din l-entrata tidher li saret fit-2 ta` Mejju 2008 (fol 621 u fol 798).

Il-Qorti taccetta li anke din l-entrata ghandha tittiehed in konsiderazzjoni.

Finalment il-konvenuta tirreferi ghal self bankarju ta` Lm 20,000 li sar fit-28 ta` Gunju 2007 (fol 823). Dan huwa l-kont 40016242391 intestat f`isem il-konvenuta. Dan thallas minn fondi depozitati fil-kont personali ta` l-konvenuta nru 40014646287 a fol 818.

Il-Qorti tqis li ma kienx difficli ghall-konvenuta li tressaq provi li dak is-self ittiehed bl-awtorizazzjoni ta` Pietro Blasina u setghet talbet aktar taghrif mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc li xehed waqt il-kawza. Pero` ma ghamlet xejn minn dan. Li ghamlet semplicement kien illi nsistiet li din il-Qorti ghandha tnaqqas dak l-ammont ghaliex mal-attur kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dik is-somma flus ma setghetx tittiehed minghajr l-awtorizzazzjoni ta` Pietro Blasina.

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuta naqset ghal darb`ohra li tressaq provi dwar ghaliex ittiehed dak is-self u ghalfejn proprju dak is-self thallas mill-kont li fih kienu gew depozitati l-flejjes appartenenti ta` SCI Tower 98. Ladarba dawk l-ammonti hargu minn kontijiet bankarji personali tal-konvenuta, kien jispetta lilha li taghmel il-prova dwar x`ezattament sar minn dawk il-flus u ghal liema finijiet ittiehdu. Din il-Qorti ma tistax toqghod fuq kongetturi u ghalhekk ma tistax tqis li tressqet prova konvincenti mill-konvenuta li dak l-ammont ta` self ghandu jitnaqqas ukoll mis-somma globali li trid taghti lil SCI Tower 98.

Il-Qorti qieset ukoll l-argument li ghamlu l-atturi fis-sens li l-ammont ta` spejjez ta` kuljum kellu jigi ridott stante illi Pietror Blasina kien ihallas polza ta` assikurazzjoni medika li kienet tkopri kull spiza medika li kien ikollu hekk kif jirrizulta minn Dok LB 11(9) mnejn jemergi illi kienet tithallas polza bi premium annwali ta` EUR 2,927.45c. Ghalhekk l-atturi jikkontestaw li ghandhom jigu mnaqqsa l-ammonti li thallsu lil St James Hospital rapprezentanti s-somma ta` EUR 10,000.12 [Dok LB 11(13)] u dana ghaliex il-konvenuta irkuprat il-hlas ta` l-isptar minghand l-assikurazzjoni. Prova dwar ta` din l-allegazzjoni baqghet ma saritx mill-atturi. Ghalhekk gustament l-ispejjez li thallsu lil St James Hospital ghandhom ukoll jigu kkunsidrati, hekk kif qieshom il-perit legali.

**Il-Qorti sejra tibdel l-ammonti likwidati mill-perit legali billi s-somma ta` EUR 66,181.05c tizdied bl-ammonti ta` EUR 4970.41, EUR 3000, EUR 18,000, u EUR 7,000 biex b` hekk ssir <u>EUR 99,151.46c</u>.**

**iii) <u>L-entrata : "*Trasferimenti Ohra*" fl-ammont ta` EUR 28,182.63</u>**

Il-Qorti rat it-tabella tal-perit legali a fol 491 intestata "*trasferimenti ohra*" li turi ammont ta` EUR 28,182.63c.

Minn ezami tad-dokumenti LB 9(9); LB11(13); LB 11(2); LB 11 (5); LB 11(7); LB 11(4); LB 11(3) ; LB 11(9); LB 11(11) u LB 11 (18) mhix taqbel li kien ippruvat illi dawk kienu trasferimenti li ghandhom jitnaqqsu.

L-unici trasferimenti li kien ippruvat illi huma kollegati ma` spejjez personali tal-konjugi kienu l-entrata ta` EUR 10,000.12 (Dok LB 11(3) li hija hlas favur St James Hospital) u s-somma ta` EUR 2,927.45c (Dok LB 11 (9) li dwarha hemm qbil li kienet hlas ta` polza ta` assigurazzjoni medika ta` l-attur).

Fid-dokumenti l-ohra ma hemm xejn x`jindika x`kienu u ma gewx spjegati bil-gurament tal-konvenuta.

Sempliciment kienu pprezentati minghajr spjegazzjoni.

Dan mhuwiex bizzejjed ghaliex ma jissodisfax il-vot tal-ligi.

**Ghalhekk mill-ammont likwidat mill-perit legali fis-somma ta` EUR 28,182.63, il-Qorti sejra tqis l-ammonti ta` EUR 10,000.12 u EUR 2,927.45 : total ta` EUR 12,927.57.**

**iv) Tnaqqis rivedut**

In vista tal-premess, l-ammont ta` EUR 99,097.41 komputat mill-perit legali se jigi rivedut billi :

**EUR 4,733.73c +**
(*Trasferimenti lil Pietro & Luisa Blasina*)
**EUR 12,927.57c +**
(*Trasferimenti Ohra*" ridotti minn EUR 28,182.63c)
**EUR 99,151.46c**
(li kienu likwidati mill-perit legali fl-ammont ta` EUR 66,181.05).

**B`hekk it-total li ghandu jitnaqqas mill-ammont li ghandha taghti Luisa Pedroni Blasina lil SCI Tower 98 huwa EUR 116,812.76c.**

**v) L-ammont dovut minn Luisa Pedroni Blasina lil SCI Tower 98**

**In vista tal-premess, il-Qorti qeghda tillikwida l-ammont dovut minn Luisa Pedroni Blasina lil SCI Tower 98 fl-ammont ta` EUR 344,523.05 u cioe` :-**

**EUR 1,075,891.80 –**

**EUR 189,352.07c –**
(hlas lil Romano)

**EUR 18,934.92 –**
(hlas lil Blaschem)

**EUR 24,650 –**
(hlas lil Old Pharma)

**EUR 381,619 –**
(hlas favur Xini Holdings Limited)

**EUR 116,812.76c**
(spejjez relatati ma` trasferimenti minn kontijiet bankarji ta` Luisa Pedroni Blasina ghal kontijiet bankarji fl-ismijiet kongunti tal-konjugi Blasina)

**e) <u>L-imghax</u>**

Huwa principju stabbilit fil-bicca l-kbira tad-decizjonijiet tal-qrati taghna illi *in illiquidis non fit mora.*

Il-principju jghodd ghall-kaz tal-lum.

Fis-sentenza li tat fit-30 ta` Gunju 2004 fil-kawza "**<u>Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Il-provvedimenti legali li jirregolaw din il-kwistjoni insibuhom fl-artikoli 1139 et sekwitur tal-Kodici Civili.*

*L-Artikolu 1139 jiddisponi li "jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma determinata, d-danni li jigu mid-dewmien ta` l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

*L-Artikolu 1141 jiddisponi li*

*(1) "Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, limghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li lobbligazzjoni kellha tigi ezegwita." u*

*(2) "F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni."*

*Minn dan jidher li imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta` danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta`*

*obbligazzjoni meta l-oggett ta` l-obbligazzjoni jkun hlas ta` somma determinata. Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet. Id-data meta dawn l-imghaxijiet jibdew jigu komputati u cioe` jekk minn meta jkun dovut l-ammont jew mid-data tas-sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, huwa determinat fl-artikoli fuq riprodotti, izda dejjem huwa rikjest li l-ammont ikun determinat.*

*Issa fil-kaz in ezami l-ammont dovut bhala manteniment gie biss determinat u likwidat fis-sentenza appellata u ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx takkorda mghax middata tal-presentata tac-citazzjoni billi f`dak il-mument lammont kien ghadu mhux determinat. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat…"*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**Simon Spiteri vs Lawrence Farrugia**" fejn inghad illi :-

*"Gie minn zmien antik definit u segwit mill-Qrati taghna l-principju "in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa delitoris liquidatio differetur" (Ara sentenzi a* ***Vol. XVIII P II p 431; Vol. XIX P I p 83; Vol. XX P I p 308*** *u* ***Vol. XXXVI P I p 190****). Huma verament ftit il-kazijiet li fihom din il-massima allavolja l-kreditu kien illikwidu ma rceivietx applikazzjoni; ad exemplum, il-kaz meta l-likwidazzjoni ma tkunx saret bi htija tad-debitur, jew fejn bhal fil-kaz riportat a* ***Vol. XXXI P I p 84****, is-sid ikun gie ingustament spoljat mill-haga tieghu. F`dan il-kaz intqal li l-imghax jibda jghaddi minn meta jkun sar l-ispoll. Dan b`applikazzjoni tal-principju daqstant iehor importanti "malitiis non est indulgendum". Fil-kaz prezenti dan ma jaqax f`xi wahda mill-eccezzjonijiet ghall-principju aktar qabel affermat ;*

*Sa recentement jista` jinghad illi l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell kellha okkazjoni terga` tirrepeti illi r-regola hija li "in illiquidis non fit mora" u l-oppost hija l-eccezzjoni. Ara decizjoni fl-ismijiet "****Alfred Schembri –vs- Dr. Louis Buhagiar M.D.****", Appell, 28 ta` Frar 1997 u dik l-ohra flismijiet "****Francis Xavier Aquilina –vs- Andrew Mamo nomine****", Appell, 19 ta` Novembru 2001, fejn ukoll insibu rassenja ta` bosta sentenzi fuq id-dekorriment ta` l-imghaxijiet."*

**Fid-dawl ta` dawn l-insenjamenti u ohrajn bhalhom, il-Qorti sejra tapplika l-principju *in illiquidis non fit mora* stante illi t-talba**

**attrici kienet ghal ammont *da liquidarsi.* L-imghax ghandu jiddekorri mid-data ta` din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.**

**f) <u>Il-posizzjoni ta` l-konvenuta Tokk Limited</u>**

L-atturi sostnew li t-talbiet attrici kif impostati ghandhom, safejn jikkoncernaw lil Tokk Limited, in-natura ta` l-*actio debitro debitoris mei* peress li ghalkemm huwa minnu li ma kienx hemm relazzjoni guridika diretta bejn l-atturi u Tokk Limited, jekk l-atturi ghandhom jiehdu minghand il-konvenuta, u l-konvenuta ghandha tiehu minghand Tokk Limited il-valur tal-flejjes li investiet f` Tokk Limited, allura l-atturi ghandhom dritt jitolbu l-hlas direttament minghand Tokk Limited.

**Il-Qorti tghid illi l-kawza tal-lum ma tinkwadrax ruhha fl-azzjoni surrogatorja jew l-*actio debitor debitoris mei.***

L-azzjoni hija regolata bl-**<u>Art 1143 tal-Kap 16</u>** li jaqra :–

*Kull kreditur jista` biex jithallas ta` dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu, barra minn dawk li huma ghal kollox personali.*

L-azzjoni kienet ezaminata b`reqqa fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament fit-30 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**<u>Stephenson Harvey vs Dr Tanya Sciberras Camilleri et noe</u>**".

Hemm inghad illi l-azzjoni skont l-Art 1143 tal-Kap 16 hija azzjoni fejn kreditur, biex jithallas ta` dak li ghandu jiehu, jezercita l-jeddijiet li d-debitur tieghu jista` jkollu kontra d-debituri tieghu, purche` il-jeddijiet ma jkunux personali ghad-debitur.

Ghall-ezercizzju tal-azzjoni surrogatorja mill-kreditur mhux mehtieg il-kunsens tad-debitur tieghu. Tista` tigi istitwita minkejja l-oppozizzjoni li d-debitur jista` juri. Lanqas jista` jinghad li, bl-agir tal-kreditur, isehh surroga – fit-tifsira li taghti l-ligi ghal dan l-istitut – fil-jeddijiet li d-debitur jista` jkollu kontra d-debitur tieghu. Ghalhekk, ghalkemm l-azzjoni kienet meqjusa wkoll bhala *actio indirecta vel obliqua*, ma hemm xejn xi jzomm lill-kreditur li jmexxi `l quddiem il-pretensjoni tieghu direttament kontra dak it-terz li ghandu jaghti lid-debitur tieghu.

Bhal kull azzjoni ohra, il-kreditur irid juri li ghandu interess li jressaq l-azzjoni, liema interess jigi nieqes jekk kemm-il darba m`hemm l-ebda dubju li d-debitur tieghu huwa solventi jew jekk id-debitur ikun diga` beda minn rajh proceduri kontra d-debituri tieghu biex jithallas minghandhom. Fid-dawl tal-attwalita` tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li ghandu lejh id-debitur tieghu irid ikun dovut, u mhux sospiz b`xi kundizzjoni li zzommu milli jista` jibda procedura diretta kontra d-debitur tieghu;

L-elementi ta` l-azzjoni surrogatorja huma :

(a) li l-attur ikun tassew kreditur tad-debitur,

(b) li l-kreditu tieghu huwa wiehed fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali,

(c) li d-debitur ikollu jedd, ta` natura patrimonjali u miftuh ghalih, kontra debitur tieghu,

(d) li l-attur irid juri li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma jimpurtahx, li bl-ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu,

(e) li l-attur irid juri li, bin-nuqqas ta` agir f`waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur u,

(f) f`kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, l-attur irid jipprova wkoll il-kreditu d-debitur tieghu ghandu kontra t-terz debitur.

Filwaqt li, kif inghad, il-kreditur irid jipprova kemm il-kreditu tieghu kontra d-debitur tieghu, u kif ukoll il-kreditu tad-debitur tieghu kontra d-debitur ta` dan, l-attur kreditur jista` jaghzel kemm li jikkonferma b`azzjoni precedenti il-kreditu tieghu kontra d-debitur, imma jista` wkoll jaghzel li jaghmel dan fl-azzjoni surrogatorja nnifisha. Dan izda jkun ifisser li, f`kaz fejn l-azzjoni surrogatorja ssir qabel ma l-kreditur ikollu sentenza jew titolu ezekuttiv iehor li jikkonferma l-kreditu, l-attur kreditur ma jistax ma jitlobx ukoll u jikseb il-kundanna tad-debitur tieghu ghall-hlas tal-kreditu. Jekk ghal xi raguni, l-attur kreditur ma jsehhlux jeghleb dan l-ewwel ghan, ma jiswielu xejn li jittanta jimxi `l quddiem ghat-tieni tragward.

Fl-azzjoni surrogatorja, l-attur imexxi *in jure debitoris*, u ghalhekk il-jedd li l-attur kreditur jista` jkollu fil-konfront tat-terza persuna la jista` jkun akbar u lanqas izghar mid-dritt li d-debitur ewlieni ghandu kontra min

ghandu jaghti lilu. Id-debitur terz imharrek jista` jtella` kontra l-attur kreditur tal-kreditur tieghu kull eccezzjoni li hu jista` jqanqal kontra l-kreditur immedjat tieghu kieku dan kellu jfittxu ghall-hlas tad-dejn.

Sentenza ohra li gharblet fil-fond il-parametri ta` l-azzjoni skont l-Art 1143 tal-Kap 16 hija dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fis-7 ta` Mejju 2013 fil-kawza "**<u>Emidio Azzopardi et vs Av. Dr Kevin Mompalao noe et</u>**" fejn inghad hekk :-

*Minn dan l-artikolu jemergi li l-kreditur qieghed jaghmel uzu minn dritt li ma jkunx jappartjeni lilu izda jkun jappartjeni lid-debitur tieghu. L-azzjoni esperita minn tali kreditur tkun mehuda in jure debitoris u mhux in jure suo.*

*Bid-dispost ta` dan l-artikolu, il-kreditur qieghed jigi protett mill-konsegwenzi tan-negligenza tad-debitur li jagixxi biex jigbor dak dovut lilu bir-rizultat li jnaqqas il-garanzija tal-kreditur.*

*L-uniku limitazzjoni hija li kreditur ma jistax jezercita jeddijiet jew azzjonijiet ghal kollox personali bhal per ezempju, kaz ta` separazzjoni, divorzju jew talba ghall-filjazzjoni ossija bhalma huma kawzi li ghandhom x`jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi mieghu (Zahra et vs C. Pace et, Appell Nru: 518/1995 deciza fit-3 ta` Marzu, 2006).*

*Fil-kawza Stephenson vs Sciberras Camilleri noe (Cit Nru: 799/98 JRM deciza fit-30 ta` Mejju, 2002) intqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova:*

*Illi ghall-ezercizzju tal-azzjoni surrogatorja min-naha tal-kreditur, m`huwiex mehtieg il-kunsens tad-debitur tieghu, u din tista` tinbeda minkejja l-oppozizzjoni li d-debitur jista`juri. Lanqas jista` jinghad li, bl-agir tal-kreditur, issehh surroga - fit-tifsira li taghti l-ligi ghal dan il-kuncett – fil-jeddijiet li d-debitur jista` jkollu kontra d-debitur tieghu.*

*Ghalhekk, ghalkemm din l-azzjoni kienet meqjusa wkoll bhala actio indirecta vel obliqua, ma hemm xejn x`izomm lill-kreditur li jmexxi `l quddiem il-pretensjoni tieghu direttament kontra dak it-terz li ghandu jaghti lid-debitur tieghu.*
*Illi, bhal f`kull azzjoni ohra, il-kreditur irid juri li ghandu nteress li jressaq l-azzjoni, liema nteress, per ezempju, jigi nieqes jekk kemm-il darba m`hemm l-ebda dubju li ddebitur tieghu huwa solventi jew jekk l-istess debitur ikun diga` beda minn rajh*

*proceduri kontra d-debituri tieghu biex jithallas minghandhom (Amos & Walton, Introduction to French Law, pag.242).*

*Fid-dawl tal-attwalita` tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li ghandu lejh id-debitur tieghu jrid ikun dovut, u mhux sospiz b`xi kundizzjoni li zzommu milli jista` jibda` procedura diretta kontra d-debitur tieghu.*

*Illi, madankollu, l-attur kreditur huwa prokurator in rem suam, u fl-azzjoni surrogatorja ghandu interess personali li mhux dejjem jaqbel ma` dak tad-debitur tieghu (Ara kawza fl-ismijiet Galea vs Attard et deciza fit-13 ta` Gunju 1959, Kollez. Vol. XLII.II.1102). Kif inhuwa sewwa mghallem mill-awturi dwar dan is-suggett, l-attur kreditur fl-azzjoni surrogatorja, iressaq azzjoni msejsa fuq jedd "...non suo ma sibbene del debitore, e quindi agisce non `jure proprio` ma `ex juribus debitoris`, e sotto tale rispetto e` un avente causa del debitore, e non un terzo; attore nel suo interesse personale, perche` non ha in mira il vantaggio del debitore, ma soltanto il suo, che consiste nel conseguire, o subito o piu` tardi, il pagamento del credito proprio." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, Vol II, par. 197)*

*Din hija silta tassew cara li turi sewwa kif ghandha titqies l-azzjoni surrogatorja. Illi l-mistoqsija li tinqala` hija jekk il-kreditur huwiex mehtieg li jharrek biss lid-debitur tad-debitur tieghu jew jekk ghandux iharrek ukoll lid-debitur ewlieni. Ghalkemm il-ligi taghna hija siekta fuq dan il-fatt, ghall-kuntrarju ta` dak li tipprovdi l-ligi taljana (Ara art 2900 tal-Kodici Civili Taljan), il-bixra minn dejjem kienet li tqis bhala mehtieg li d-debitur ikun imharrek ukoll, biex issentenza li tinghata favur il-kreditur, tkun torbot lid-debitur tieghu ukoll u biex il-gudizzju jkun shih (Ara per ezempju, Ripert & Boulanger, Traite` elementaire de droit Commercial, Vol II par 1382; u App Civ 29.4.1945 fil-kawza fl-ismijiet Paris et vs Grech pro et noe, Kollez. Vol XXXII.I.125 u Kumm 15.4.1955 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri noe vs Spiteri Debono, Kollez Vol XXXIX.II.602). Dan ghaliex filkaz ta` success fl-azzjoni surrogatorja, il-kreditur ma jikseb l-ebda privilegg fuq il-gid mirbuh, li jidhol fil-patrimonju taddebitur tieghu u jibqa` suggett ghal xi jeddijiet li kredituri ohrajn ta` dak id-debitur jista` jkollhom fuq hwejgu, sakemm f`kaz eccezzjonali ma ssirx talba diretta millkreditur attur ghall-kundanna tad-debituri tad-debitur tieghu ghall-hlas lilu tal-kreditu dovut (Cassazione 10.1.1996).*

*F`din l-istess sentenza ntqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova (a) li hu tassew kreditur tad-debitur; (b) li l-kreditu tieghu huwa fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali; (c) li d-debitur ikollu jedd, ta` natura patrimonjali, u miftuh ghalih, kontra d-debitur tieghu; (d) li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma mpurtahx, li b`ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu; (e) li, bin-nuqqas tal-agir f`waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur; (f) f`kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, irid jipprova wkoll li l-kreditu tad-debitur tieghu li dan ghandu kontra t-terz debitur.*

*L-azzjoni ndiretta hija azzjoni li ssir in nomine debitoris, u minnha jgawdu l-kredituri kollha tal-ewwel debitur. Jekk tirnexxi l-azzjoni, il-hlas li jaghmel it-tieni debitur lillkreditur tieghu, jidhol fil-patrimonju ta` dak il-kreditur, issa debitur tal-kreditur azjonandi, u kull kreditur tieghu, privileggjat jew le, jkun jista` jesegwixxi l-kreditu tieghu fuq ir-rikavat. Dan ifisser li l-kreditur li jaghmel din l-azzjoni ma jakkwista ebda privilegg bil-fatt li jkun hu li nieda l-azzjoni, izda, jekk jakkwista rizultat pozittiv, ikun irid wara, jikkompeti mal-kredituri l-ohra fuq l-assi hekk awmentati tad-debitur (Ara HSBC Bank (Malta) Limited vs Price Club (Swatar) Limited et, Cit Nru: 413/2002TM deciza fit-12 ta` Ottubru 2006).*

*Kwindi trattandosi ta` azzjoni ndiretta l-interess guridiku li jrid jissussisti huwa dak tal-kreditur fil-konfront tad-debitur tieghu, u wkoll tad-debitur fil-konfront tat-terz...... fis-sentenza precitata fl-ismijiet Stephenson vs Dr Sciberras Camilleri nomine ntqal b`mod car li filwaqt li l-kreditur irid jipprova kemm il-kreditu tieghu kontra d-debitur tieghu, u kif ukoll il-kreditu taddebitur tieghu kontra d-debitur ta` dan, l-attur kreditur jista` jaghzel kemm li jikkonferma b`azzjoni precedenti l-kreditu tieghu kontra d-debitur, imma jista` wkoll jaghzel li jaghmel dan fl-azzjoni surrogatorja nnifisha. Dan izda jfisser li, f`kaz fejn l-azzjoni surrogatorja ssir qabel mal-kreditur ikollu sentenza jew titolu esekuttiv iehor li jikkonferma l-kreditu, l-attur kreditur ma jistax ma jitlobx ukoll il-kundanna tad-debitur tieghu ghall-hlas tal-kreditu. Jekk ghal xi raguni, l-attur kreditur ma jsehlux jeghleb dan l-ewwel ghan, ma jiswielu xejn li jittanta jimxi `l quddiem ghat-tieni rigward. Infatti dan huwa dak li l-atturi qeghdin jittentaw jaghmlu permezz ta` lazzjoni odjerna u dan jirrizulta mill-premessi u mit-talbiet attrici."*

Bl-azzjoni skont l-Art 1143 tal-Kap 16, kreditur jagixxi sabiex jiggarantixxi d-debitu tieghu stess, u sabiex jahseb ghal sitwazzjoni fejn id-debitur ma jkun qieghed jaghmel xejn sabiex jipprova jhallas lura d-debitu tieghu.

Fil-kaz tal-lum, ma saret l-ebda talba fl-att promotur jew permezz ta` kawza ohra illi Tokk Limited hija debitrici ta` Luisa Pedroni Blasina.

Lanqas ma saret il-prova li l-konvenuta naqset li, bl-ghaqal mehtieg, tmexxi biex tiehu li haqqha minghand Tokk Limited.

Ghaldaqstant mhux accettabbli ghal din il-Qorti l-argument tal-atturi l-azzjoni kontra Tokk Limited taqa` fil-parametri ta` l-Art 1143 tal-Kap 16.

B`zieda ma` dan, ghandu jinghad illi skont ix-xiehda ta` Av. Antoine Naudi, u skont id-dokumenti a fol 828 sa 854, il-konvenuta kienet bieghet zewg proprjetajiet parafernali taghha ghall-prezz ta` EUR 38,000 u EUR 142,000 rispettivament. Mir-rikavat uzat EUR 34,825 u EUR 139,000 biex takkwista investimenti li jidhru fil-pagni 14 u 15 tal-*financial statements* ta` Tokk Limited a fol 870 u 871. Prova li dawn l-ammonti ta` EUR 34,825 u EUR 139,000 gew depozitati fil-kont personali tal-konvenuta bin-nru 40014646287 tinsab a fol 814 u 817. Kien ukoll ippruvat minn fol 815 illi l-ammont globali li kien investit mill-konvenuta tramite l-kont bankarju nru 40014647287 kien jammonta ghal EUR 45,900, EUR 46,800 u EUR 55,075 : total ta` EUR 184,075. Irrizulta wkoll li l-valur totali tal-ishma fl-investimenti li l-konvenuta ttrasferiet ghand Tokk Limited jammonta ghal EUR 177,266.25c (fol 878 sa 893 tal-process).

**Abbazi tal-provi, il-Qorti tinsab konvinta li l-investimenti originarjament appartenenti lill-konvenuta u li eventwalment gew assenjati lis-socjeta` Tokk Limited gew mir-rikavat tal-bejgh ta` proprjeta` parafernali tas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali u konsegwentement tilqa` l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet ta` Tokk Limited.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta Tokk Limited.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra ta` l-konvenuta Tokk Limited.**

**Tillibera lill-konvenuta Tokk Limited mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Luisa Pedroni Blasina.**

**Tilqa` l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara illi l-konvenuta Luisa Pedroni Blasina ghandha fil-pussess taghha diversi somom ta` flus li jappartjenu lill-attur Pietro Blasina (illum mejjet) u lis-socjeta` attrici estera monegaska SCI Tower 98 (No. 98 SC 9067).**

**Tilqa` t-tieni talba limitatament fil-konfront tal-konvenuta Luisa Pedroni Blasina billi tillikwida l-ammont ta` flus dovut mill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina lill-atturi Sara Blasina u Mirta Blasina, ahwa Blasina, eredi tal-mejjet Pietro Blasina, fl-ammont ta` mija u hmistax–il elf mitejn disgha u tmenin Ewro sittin centezmu (€115,289.60c).**

**Riferibbilment ukoll ghat-tieni talba tillikwida l-ammont ta` flus li huma dovuti mill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina lis-socjeta` attrici estera monegaska SCI Tower 98 (No. 98 SC 9067) fl-ammont ta` tliet mija erbgha u erbghin elf hames mija tlieta u ghoxrin Ewro hames centezmi (€344,523.05c).**

**Tilqa` t-tielet talba limitatament fil-konfront tal-konvenuta Luisa Pedroni Blasina billi tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-atturi Sara Blasina u Mirta Blasina, ahwa Blasina, eredi tal-mejjet Pietro Blasina, l-ammont ta` mija u hmistax–il elf mitejn disgha u tmenin Ewro sitin centezmu (€115,289.60c) bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament, u billi tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici estera monegaska SCI Tower 98 (No. 98 SC 9067) l-ammont ta` tliet mija erbgha u erbghin elf hames mija tlieta u ghoxrin Ewro hames**

**centezmi (€344,523.05c) bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez tal-konvenuta Tokk Limited.**

**Tordna lill-konvenuta Luisa Pedroni Blasina sabiex thallas l-ispejjez kollha l-ohra, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru bin-numru 1665/2008.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**